
MONS SION
IN JERUSALEM

L-Ideal Franġiskan

Fit-Twelid

Ta'

Ġesù Bambin

F'Betlehem.



L-Erbatax-il-Sena | JANNAR - FRAR - MARZU 1968 | Għadd 1.

*"Super Muros Tuos Jerusalem, Constitui Custodes"*

LEHEN

# L-ART IMQADDSA

QARI
LI JOĦROĠ KULL TLIET XHUR
MILL-KUMMISSARJAT TAL-QABAR TA' KRISTU
F'MALTA

Mitbugħ għand "Giov. Muscat & Co. Ltd." — Valletta.

# LEHEN
# L-ART IMQADDSA

QARI

MAĦRUĠ MILL-KUMMISSARJAT

TAL-QABAR TA' KRISTU

F'MALTA




L-Erbatax-il-Sena JANNAR - FRAR - MARZU 1968 Għadd 1.

X'FIH DAN IL-GĦADD


ĠESU' S-SURA EVANĠELIKA (Id-Direzzjoni) ... ... ... 1

**L-EWWEL TAQSIMA — DAWL**

U Fraħna (P.M.C.) ... ... ... ... ... ... ... ... 2
Il-Ġisem mistiku fit-Teoloġija ta' San Pawl (P. Nikola Magro) ... 4
Ir-Ragħajja ta' Betlehem (P.L.M.) ... ... ... ... ... ... 7
Marija Omm il-Bnedmin bis-saħħa ta' Eva? ... ... ... ... 10
Kemm kienu l-Maġi (P. Ubertu Berti O.F.M.) ... ... ... ... 12

**IT-TIENI TAQSIMA — IMĦABBA**

Il-mirakli ta' Ġesù fl-Evanġelji Apokrifi (Prof. A. Tabone) ... ... 16
Ir-Randan tal-Misilmin (P.A. Cassar) ... ... ... ... ... 17
Il-Leġġenda tal-Bajtar tax-Xewk (P.G. Krisostmu Alafi, O.F.M.) ... 20
Driegħ il-Mulej fl-Istorja tal-ġens Lhudi (A.M.G.) ... ... ... 23
Il-Bibbja fil-ħsieb Franġiskan (P.L.M.) ... ... ... ... ... 27
Aħbarijiet ta' l-Art Imqaddsa ... ... ... ... ... ... 30
Mejtin ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 32


*Direzzjoni:* W. R. P. Nikola Magro, O.F.M., Kummissarju tat-Terra Santa.
*Amministrazzjoni:* R. P. Valentin Cardona, O.F.M., Viċi Kummissarju.
Kummisserija tat-Terra Santa, Kunvent ta' Ġieżu, il-Belt.

# ĠESU'
# IS-SURA EVANĠELIKA

*Iben l-Etern Alla, imniżżel sa minn dejjem mill-intellett tal-Missier, mirbuħ minn imħabbtu għall-bnedmin midinba, fil-milja taż-żmenijiet tlaħħam u sar bniedem: sar Ħuna, Mgħallem u Feddej. Xbieha sħiħa ta' Missieru, sar f'kolloxx jixbah lilna, barra biss mid-dnub. B'mewtu, mal-maħfra tal-ħtija, raddilna l-grazzja ta' wlied il-Mulej: laqqam fina dik il-ħajja li biha aħna — imsejkna żraġen maqtugħin u mifrudin mid-dielja — erġajna ngħixu bil-ħajja ta' l-istess Alla: "Consortes divinae naturae". B'hekk, hekk refagħna u għolliena Ġesù, li għamilna membri ħajja tal-Ġisem Mistku li hu l-Knisja.*

*Mgħallem is-Sewwa, bi kliemu u b'għemilu, reġġagħna fit-triq it-tajba Xempju ta' egħmejjel tajba u qaddisa, seta' jgħid saħansitra lill-għedewwa: "Min minnkom jista' qatt jixlini b'xi dnub?". U b'dik kelmtu, li hi dawl għal kull ruħ, ikel bnin għal kull qalb, u li tibqa' għal dejjem siewja u feddejja, għax hi l-kelma tal-Mulej: "Tintemm id-dinja, imma lè kelmti ma tintemm"; sewwa sew, għax hi bħal Alla: Etern!*

*Ġesù għallem għal ma' tul tliet snin, imma lè kiteb. Kienu wħud mid-dixxipli tiegħu li, wara xi żmien, ġabru u sawru f'kitba xi egħmejjel l-aktar li jolqtu mill-ħajja ta' Ġesù; u dawn, dan għamluh aktar għal ħtieġa tal-fidili, milli biex tibqa' sħiħa u miżmuma l-kelma ta' Ġesù. Ġesù n-nifsu qatt ma amar li l-kelma tiegħu għandha tiġi miktuba; amar biss lid-dixxipli biex ixandru tagħlimu bil-Kelma, u mhux bil-Kitba.*

*U tabilħaqq, erbgħa biss huma l-Kittieba tal-Evanġelju: tnejn minnhom, Ġwanni u Mattew, huma xhieda li raw u semgħu l-kliem u l-għemil ta' Ġesù, u t-tnejn l-oħra, Luqa u Marku, li kienu dixxipli ta' l-Appostli, u li semgħu minn dawn dak li għamel u xandar Ġesù.*

*Ġesù beda l-Missjoni tiegħu meta kellu 12-il-sena, bid-disputa mad-Dutturi, fit-Tempju ta' Ġerusalemm. Wara dan għaddew 18-il-sena, li fihom għex fis-skiet tad-Dar ta' Nazzaret, sa kemm waslet sigħetu, u beda jħabbar u jxandar il-Liġi tal-Imħabba fit-toroq u fl-irkejjen kollha tal-Galilija u tal-Lhudija. U hekk, issa fis-Sinagogi, u issa fit-Tempju, u minn fuq xi għolja, u minn xi witja mifruxa, u minn fuq xi dgħajsa, u kull fejn jiltaqa' ma' nies, kien ixandar il-kelma tal-ħajja u tat-tama għall-fejqan tal-morda, l-imgħakksin, l-imnikktin; kelma ta' żegħil għaż-żagħar u ċ-ċkejknin, għall-umili, għal dawk ta' qalb sempliċi, waqt li jagħfas u jross lill-Iskribi u l-Fariżin għall-ipokrisiji tagħhom. B'hekk Ġesù ġibed għal warajh kotra kbira ta' dixxipli, imma, jaħasra!...... mhux kollha sthoqqu t-tifħira tiegħu: "Henjin dawk li jisimgħu l-kelma tal-Mulej u jgħożżuha fihom".*

*Fuq il-Kalvarju Ġesù temm il-Missjoni tiegħu: biċ-ċarċir ta' demmu hejja għal kulħadd fidwa, imseddqa bil-Qawwa Tiegħu minn bejn l-Imwiet.*

*Bħal dak l-għama mfejjaq minn Ġesù, li nafu minnu d-dawl tal-Fidi, mixħutin għarkubbtejna quddiemu, nagħtuh ġieh, ir-roddulu l-ħajr ta' qalbna............nadurawh!............* ID-DIREZZJONI.

# L-Ewwel Taqsima — DAWL

# U FRAHNA LKOLL

*"L-aħwa kollha huma marbuta li jkollhom wieħed minn din ir-reliġjon bħala Ministru Ġenerali".*
(Kap. VIII tar-Reg. ta' San Franġisk).

Mihiex ġrajja ta' kuljum, u, nżidu mhix ħaġa hekk ħafifa, li tlaqqa' Kapitlu Ġenerali biex jagħżel is-Superjuri li jridu jmexxu Ordni Reliġjuż kbir bħalma hu l-Ordni Franġiskan u fl-istess ħin jiflu bir-reqqa' u jġedded il-liġijiet li s'issa kienu



*Il-W.R.P. Wistin Portelli O.F.M. Provinċjal*

s-sies li mexxew il dan l-Ordni fil-mixja rebbieħa tiegħu. għal ma' tul seba' mitt sena ta' Storja.

Dan iżda sar dal-aħħar, f'Lejlet Għid il-Ħamsin, 13 ta' Mejju 1967, hemm ħdejn in-nieqa ta' l-Ordni, ġewwa Assisi. Għas-seħħa tas-Superjur tagħhom, kollha kemm huma l-Provinċjali u Superjuri tal-Missjonijiet inġabru f'laqgħa straordinarja b'dan il-għan, — Għedna straordinarja, għax il-Kapitlu ma kellux jinżamm din is-sena, imma billi minnaħa l-waħda l-Konċilju Ekumeniku Vatikan II kien temm il-laqgħat tiegħu fuq l-aġġjurnament tal-Knisja, u, min-naħa l-oħra, l-Ordni kien safa' ltim bil-ħatra tal-Ministru Ġenerali tiegħu, ir-Reverendissmu P. Wistin Sepinski, bħala Delegat Appostoliku ta' Ġerusalemm u l-Palestina, l-Ordni ħass il-ħtieġa li jiċċelebra dan il-Kapitlu Ġenerali f'din is-sena flok fis-sena 1969, kif kellu isir.

U hekk fil-Vġili ta' Għid il-Ħamsin, wara li l-eletturi kollha kienu ilhom miġburin għal ħmistax-il jum fil-Porzjunkula, f'Assisi, ġie magħżul bħala Ministru Ġeneral ta' kollu kemm hu l-Ordni Franġiskan, ir-Rev.mu P. Kostantinu Kozer, iben il-Provinċja Franġiskana tal-Brazil, li kien qed imexxi lill-Ordni Franġiskan bħala Vigarju Ġenerali.

Fit-2 ta' Ġunju mbagħad, tkompliet il-ħatra tal-Kbarat l-oħra, li ġew magħżulin hekk:

Il-W.R.P. Anġeliku Lazzeri, Vigarju u Prokuratur Ġenerali;

Il-W.R.P. David Retana, Definitur għall-Amerika Latina;

Il-W.R.P. Franġisk Muller, Definitur għal Lingwa Ingliża;

Il-W.R.P. Beatu Theunissen, Definitur għal Lingwa Franċiża;

Il-W.R.P. Beltrandu Van Bilsen, għal Lingwa Tedeska;

Il-W.R.P. Nazju Omaechevarria, għal Lingwa Spanjola;

Il-W.R.P. Paċifu Kiraly, għal Lingwa Uugeriża u Slava;

Il-W.R.P. Neriku Rekla, definitur għal Lingwa Taljana.

Il-W.R.P. Vitomiru Jelicic, Segretarju Ġenerali ta' l-Ordni.



*Ir-Reverendissmu P. Constantin Cozer O.F.M. General ta' l-Ordni Franġiskan.*

U wara l-għażla tas-Superjuri ta' l-Ordni, l-ħatra tas-Superjuri tal-Provinċja tagħna maltija. Wara ż-Żjara Kanonika mill-Visitatur Ġenerali, il-W.R.P. Karlu MURPHY, tal-Provinċja Ingliża, ġew magħżula bħala l-Mexxejja ta' din il-Provinċja Franġiskana Maltija, dawn li ġejjin:

Il-W.R.P. Wistin Portelli, Ph.D., u Lettur Gen.: - PROVINĊJAL;

Ir-R.P.Lett. Marjan Vella, Vigarju u Kustodju Provinċjal;

Ir-R.P.Lett. Aċċursju Xerri, P.E.P. ex Min. Prov., Definitur;

Ir-R.P. Pietru Pawl Meilak, Mastru tan-Novizzi, Definitur;

Ir-R.P. Tumas Scicluna S.Th.D., Definitur;

Ir-R.P. Ivo Tonna, Ph.D., Definitur u Prefett ta' l-istudji.

Ir-R.P.Lett. Mikiel Catanja, Segretarju Provinċjali.

Bħala Gwardjani tal-Kunventi ġew magħżula:

Għall-Kunvent tal-Belt: — Ir-R.P. Anselmu Chetcuti;

Għar-Rabat tal-Mdina: — Ir-R.P. Pietru Battista Farrugia;

Għall-Kunvent tas-Sliema: — Ir-R.P. Kamillu Aquilina;

Għal dak tal-Hamrun: — Ir-R.P. Daniel Azzopardi;

Għal dak t'Għawdex: — Ir-R.P. Ġużepp Camilleri;

President għad-Dar tal-Irtiri: — Ir-R.P. Benjamin Galea.

Irridu minn dawn il-paġni tar-Rivista "Leħen l-Art Imqaddsa" nwasslu t-tiżżija ta' ħajr tagħna lis-Superjuri li għadhom kemm temmew iż-żmien tal-karigi li kellhom għax-xogħol iebes u ta' fejda li għamlu ma' tul dawn l-aħħar snin, u fl-istess ħin irridu nifirħu lis-Superjuri l-ġodda bit-tama li huma wkoll ikomplu jaħdmu għall-ġid ta' ħuthom il-patrijiet billi fihom inisslu dak l-ispirtu qaddis li bih kien imżejjen il-Patrijarka Missierhom biex ħekk il-Franġiskaniżmu jibqa' dejjem u kullimkien dik ix-xrara ta' dawl li tkebbes id-dehen bis-sewwa u tħeġġeġ il-qalb bl-imħabba. P.M.C.

# IL-GISEM MISTIKU FIT-TEOLOGIJA TA' SAN PAWL

*"Saule, Saule quid me persequeris?*
(Act. IX, 4).

Sawlu ta' Tarsu, miklub minn għatx qerriedi kontra l-Insara, f'dagħdigħa ta' theddid ta' qalb imbaqbqa kontra dak l-isem, jaqla kitba ta' setgħa minngħand ir-Rajjes tas-Sinidriju li jinqeda bil-qawwa



*Il-Konversjoni ta' S. Pawl fit-triq ta' Damasku*

kontra tagħhom. U mogħni b'dik il-kitba, Sawlu, imsieħeb ma' oħrajn rekbin fuq iż-żwiemel, erħilha mlebbet lejn Damasku "żgur li sa jiswa ħafna sabiex jeqred darba għal dejjem l-isem ta' Ġesù Nazzarenu" (Act. XXVI, 9). U, wara jiem ta' mixi li jħollok, Sawlu kien għoddu qorob ġmielu biex jasal fi ħsiebu.

Damasku! Dik il-belt tal-ħitan imnaqqxin, tat-torrijiet żengulin u ċatti, ta' dak il-bini għoli jleqq u jiddi bil-bjuda tiegħu u bid-dawl li jarmi, kienu jidhrulu lil Sawlu bħala għamara ħanina ta' serħan f'dak ix-xefaq xerqi, mitlufa bħala oasi ħadrana f'barr mikwi bix-xemx; u, għalkemm, tqil il-mixi il quddiem, minħabba l-għejja ta' ġismu, imheddel mill-għomma u minħabba dik tal-bhima ta' taħtu kollha għarqana, dan il-qawwi u mheġġeġ difensur tal-Liġi ta' Mosè, minnflok ma jaqta' qalbu, iħoss toktor fih il-qawwa u tiġġedded fih u tikber il-ħila. Għalhekk Sawlu, wara waqfa qasira ta' mistrieħ, jaqbad mill-ġdid il-mixja, ilebbet iż-żiemel u, bit-togħma f'ħalqu tal-vendetta fil-qrib, donnu maħrub, miexi!... imma, f'daqqa waħda, raġġ qawwi ta' dawl, aktar jiddi mixmemx, jolqot lill-karovana mlebbta u jidrob lil Sawlu. U Sawlu, bħallikieku milqut minn ħass ħażin ta' malajr, iħoss jonqsu n-nifs, jitlef id-dawl ta' għajnejh, riġlejh ma jifilħuhx iżjed u jaqa' b'saħta fl-art mitluf barra minn sensih, fil-waqt, li leħen misterjus, mhux mifhum minn sħabu

mistagħġbin għal dak li kien qed jiġri jisma' jżarżar f'widnejh jgħidlu: "*Sawlu, Sawlu, għax qiegħed tippersegwitani?*" U għax ma għarafx ta' min kien dak il-leħen, Sawlu wieġeb: "*Min inti, ja Sidi?*" U l-leħen qallu: "*Jiena hu dak Ġesù, li inti qiegħed tippersegwita. Kun af, iebes għalik toqmos kontra n-niggieża*" (Act. IX, 4-5).

Sawlu hawnhekk sab ruħu "maqbud fi dnubu"! Iżda Sawlu ma għarafx ifisser lilu nnifsu kif dan Ġesù seta' qatt jgħidlu: "*Għax qiegħed tippersegwitani?*" Meta, u fejn qatt jiena, Sawlu, kelli x'naqsam ma' dan Ġesù?

Minn Tarsu, pajjiżu, Sawlu kien mar Ġerusalemm biex jitgħallem għand Gamalieli, u minn hawn kien telaq qabel ma Ġesù kien beda jxandar tagħlimu. Bilkemm jista' jkun, li hu, Sawlu, qatt iltaqa' jew ra lil Ġesù. M'għandniex xi ngħidu, Sawlu kien sama' b'Ġesù, u kien sama' bih aktarx bħala raġel ħażin u qarrieqi, xandari ta' reliġjon ġdida li żżomm bħala mwaqqgħa l-Liġi ta' Mosè. Kien sama', iva, u kien ħadha bi kbira mhux ftit u skandalizza ruħu; imma mbagħad, kien ġie jaf, bi pjaċir kbir tiegħu, li dak kien ġie mixli mis-Sinedriju u maqtul imsallab fuq il-Kalvarju.

U issa Sawlu, għal darb'oħra kien f'Ġerusalemm u hu, li minn qaddisu dejjem ħares bir-reqqa kollha l-Liġi ta' missirijietu, mtela b'żelu u b'ħeġġa barranija kontra s-setta tan-Nazzarenu u, sewwa sew, aħrax u kiefer persekutur, qorob lejn Damasku biex ifittex, isib u jaħtaf kemm jiflaħ insara, jorbothom u jeqridhom!...... Kif qatt, għalhekk, dan Ġesù jgħid li jiena, Sawlu, qiegħed nippersegwitah? Hemm jewwilla, bejn Ġesù u d-dixxipli tiegħu, li jistqarru tagħlimu, xi rbit hekk ġewwieni li jekk tolqot lid-dixxipli tkun qed tolqot lill-istess Mgħallem?! Huma jewwilla ħaġa waħda Ġesù u L-Insara?!...

Wara l-għeġubijiet li ġraw lil Sawlu f'Damasku, Sawlu, mgħallem u mgħammed minn Ananija u meħlus b'miraklu mill-għedewwa ġodda tiegħu l-Lhud, ħarab fil-barr ta' l-Għarabja. Hemm Sawlu qagħad jixtarr, jifli u jfittex jgħarbel bir-reqqa l-kliem li kien qallu Ġesù, ifittex li jikxef il-veru tifsir tiegħu u, fl-aħħarnett, wara hekk tiftix u taħbit, jiġi Sawlu mnebbaħ mis-Sema, li bih il-Mulej ried jikxef u jgħarraf lill-bnedmin "misteru" li fid-dinja kien għadu mhux magħruf. U Sawlu nnifsu, maħkum mir-rieda tal-Mulej u maħtur minnU bħala għodda għall-missjoni kbira, hemm f'dak il-barr tal-Għarabja, fittex kemm jista' jistudja u jifhem is-sura ta' Kristu Ġesù l-għolja missjoni tiegħu divina, il-fidwa li kellu jagħmel u l-Knisja li Hu kellu jwaqqaf u jħalli fid-dinja sal-aħħar taż-żmenijiet. U jogħla, u jogħla 'l fuq f'dawn il-ħsibijiet ta' dak li kien, li għamel u li għallem Ġesù, Sawlu nstab imħejji sabiex lilu jiġi mnebbaħ il-kbir "misterju tal-Ġisem Mistku" ta' Kristu, kif huwa stess, aktar 'il quddiem, kiteb lill-insara ta' Efesu: "*Gentes esse coheredes, et concorporales, et comparticipes promissioni eius in Christo Jesu per evangelium*" (Eph. III, 56). L-Insara kollha, il-fidili u dawk kollha li jemmnu huma werrieta flimkien, membri tal-istess ġisem bl-istess jeddijiet għall-wegħdiet ta' Kristu. U fehem Sawlu, kif bejn Kristu u d-dixxipli tiegħu hemm rabta, għaqda, u li din l-għaqda hija ħajja, ġewwenija, li tasal tħaddan u

tgħaqqad f l i m k i e n lill-Insara fidili kollha, li tagħmilhom ħaġa waħda, ġisem wieħed ma' Kristu: "*coheredes, concorporales, et comparticipes promissionis ejus in Christo Jesu per evangelium*".

F'dik il-meditazzjoni għolja tiegħu, Sawlu, f'dak il-kenn tal-Għarabja, donnu sama' lill-istess Ġesù jgħid lill-Appostli tiegħu: "*Min jisma' lilkom, jisma' lili; u min ibarri lilkom, ibarri lili; u min ibarri lili, ibarri 'l min bagħatni*" (Lc. X, 16). U ftakar Sawlu f'dawk il-kelmiet li l-istess Kristu kien qal lill-Appostli u lid-dixxipli tiegħu: "*Min jilqa' lid-dixxiplu, jilqa' lill-Mgħallem*" (Mt. X, 40). U hekk Sawlu fehem, li bejn Kristu u dawk li jissoktaw ħidmitu hemm għaqda misterjuża rabta ġewwenija u ħajja li tixbaħ sewwa sew lil dik li hemm bejn id-dielja u ż-żraġen tagħha: "*Jien id-dielja u intom iż-żraġen*" (Joan. XV, 5).

B'dan id-dawl mit-tagħlim ta' Ġesù, hemm fil-barr tal-Għarabja, seta' jithejja, Sawlu biex lilu jiġi mnebbaħ minn Ruħ-il-Qodos it-Tagħlim tal-Ġisem Mistku tat' Ġesù, jiġifieri, kif dik l-għaqda jew rabta ġewwenija, ħajja reali li hemm bejn Kristu u d-dixxipli tiegħu tasal tħaddan ukoll lill-Insara fidili kollha. hekk li Ġesù hu marbut moħbi ma' kull nisrani, ma' kull fqir, ma' kull tallab, ma' kull imġarrab, ma' kull min mimli bil-hemm, ma' kull fidil li għandu l-Emmna ta' Kristu. Hekk f'dak il-barr tal-Għarabja, Sawlu, donnu kellu quddiem għajnejh, bi lwien l-aktar ħajja, dik ix-xena ta' l-Aħħar Jum il-Ħaqq, u donnu sama' lil Ġesù Imħallef itenni lil-bnedmin ġusti dawk il-kelmiet: "*Ejjew, imberkin minn Missieri, u idħlu fis-Saltna mhejjija għalikom sa mill-bidu tal-ħolqien tad-dinja: kont bil-ġuħ u tmajtuni, kont bil-għatx u sqejtuni, kont bla dar u lqajtuni, għarwien u libbistuni, kont marid u żurtuni, kont il-ħabs u ġejtu tarawni! . . . Bis-sewwa kollu ngħidilkom: Dak kollu li għamiltu ma' xi wieħed minn dawn ħuti iżgħar minni, dak għamiltuh miegħi nnifsi*" (Mt. XXV,34-36-40 . U hawn id-dehen ta' Sawlu hekk għola 'l fuq, 'il fuq, li nkixef quddiemu il-kbir misterju tal-*għaqda mistika* ta' kull nisrani ma' Kristu u ta' kif Kristu fit-triq ta' Damasku bis-sewwa kollu mar ic̀anfru: "*Sawlu, Sawlu, għax qiegħed tippersegwitani*". Sawlu kien jippersegwita lil Kristu u jolqtu fid-dixxipli tiegħu.

Din il-verità għolja tal-"Ġisem Mistiku ta' Kristu", li sa mit-triq ta' Damasku laqtet bl-aħrax il-moħħ ta' Sawlu, li biddlitlu ħajtu u li minn Sawlu għamlitu PAWLU, kellha għal dejjem tibqa' fih marbuta ma' ruħu. Minn dak il-ħin 'il quddiem kellha tkun l-argument ewlieni tal-predikazzjoni tiegħu, il-karattru ewlieni tal-appostolat u tat-tagħlim teoloġiku tiegħu, hekk, li biex ifiehm lill-Insara dan il-misterju kbir, Pawlu kellu joħloq kliem ġdid, għal kollox ġdid, u jfittex xebh u xbiħat li jfissru, kemm jista' jkun tajjeb, dan il-misterju ta' kbir faraġ.

L-għaqda tal-Insara ma' Kristu nnifsu hi għal San Pawl il-ġabra u l-kuruna tal-Opra tal-Fidwa. U Pawlu ta' sikwit kien ifakkar fiha lill-Insara, lilha kien iqiegħed bħala sies tat-taħdidiet u ta' l-argumenti tiegħu, kif ukoll minnha kien jislet konsegwenzi u konklużjonijiet l-aktar ta' faraġ, u li huma l-fjur l-aktar li jfewwaħ tat-teoloġija axxetka u mistika għall-ħajja nisranija.

P.N.M.

# IR-RAGHAJJA TA' BETLEM

L-ewlenin li taw ġieh ta' adorazzjoni lill-Bambin Ġesù, imwieled tarbija, kienu xi ragħajja minn Betlem, mistednin minn kliem l-anġlu biex imorru jżuru lil Ġesù fil-Għar fejn kien twieled.

L-Evanġelju jgħidilna li "kien hemm xi ragħajja dik in-naħa jgħaddu l-lejl fir-raba' u jgħassu l-imrieħel tagħhom. Dehrilhom anġlu tal-Mulej u sebħ il-Mulej idda madwarhom, u qabadhom biża' kbir. U qallhom l-anġlu: "La tibżgħux! għax, ara, sa nħabbrilkom ferħ kbir, li jkun għall-poplu kollu. Tweldilkom il-lum fil-belt ta' David, Ħellies, li hu l-Messija l-Mulej. U dan ikun għalikhom għelm: Issibu tarbija mfisqija, minduda f'maxtura." U minnufih ngħaqdet mal-anġlu kotra ta' anġli tas-sema jfaħħru 'l Alla u jgħidu: "Sebħ lil Alla tas-smewwiet, u sliem fuq l-art lill-bnedmin ta' rieda tajba". (Luq. II, 8-14).

Imfarrġin minn kliem l-anġlu u ferħanin minn dik il-bxara: "Ħa mmorru sa Betlem — bdew jgħidu lil xulxin dawk ir-ragħajja — u naraw dil-ħaġa li ġrat u li l-Mulej għarrafna." U marru jgħaġġlu, u sabu 'l Marija u 'l Ġużeppi u t-tarbija minduda fil-maxtura. Malli raw, ħabbru dak li kienu qalulhom fuq dik it-tarbija. U dawk kollha li semgħu baqgħu mistgħagbin b'dak li qalulhom ir-ragħajja.

Dawn ir-ragħajja xxurtjati, li kif jingħad sa mill-qedem ma kinux aktar minn tlieta, f'dak il-ħin tal-bxara kienu xi ftit bogħod minn Betlem, aktarx xi nofs siegħa 'l hemm, in-naħa tax-xerq, lejn il-baħar il-mejjet, sewwasew fejn Ġakobb, sekli qabel, kien bena torri biex jgħasses fuq l-imrieħel kbar tiegħu. Barra minn hekk, dawk ir-ragħajja kellhom ikunu nies twajba u ta' mġiba mill-aħjar, biex setgħu jistħoqqu xorti hekk kbira: kienu nies ta' emmna ħajja fil-Feddej mistenni u għalhekk, fil-qagħda tagħhom ta' ragħajja, kienu jgħixu ħajja sempliċi u rozza, imma li togħġob lil Alla, għax ħajja ta' nies ġusti,



*Is-Santwarju tar-Ragħajja l-isfel minn Betlehem*

bħalma kienet dik ta' Ġużeppi u tax-xwejjaħ Xmuni, imfaħħrin mill-Evanġelju, sewwasew għax ġusti.

U arahom hemm lil dawn it-tliet ragħajja quddiem il-Bambin Ġesù, maħruġin u merfugħin 'il fuq minn sensihom, jagħtuħ il-ġieħ ta' qalbhom u jadurawh! Fih, f'dik it-Tarbija huma raw u aduraw il-Feddej

Divin, is-Salvatur tad-dinja: għamlu dan b'fidi ħajja, b'fehma sħiħa, imsaħħin mid-dehra u mill-kliem ta' l-anġlu: "Inħabbrilkom ferħ kbir, li jkun għall-poplu kollu." Weġġħu f'dik it-Tarbija lill-Messija fis-skiet, adurawh fil-ħemda ta' dak il-lejl: tkellmu miegħu b'qalbhom f'idejhom, b'dawk għajnejhom ileqqu bissafa tal-qdusija, b'dawk għajnejhom imdorrija jitpaxxew bis-sbuħija tal-ħwejjeġ maħluqa u minn dawn jogħlew għal dawk tas-Sema, fit-tpaxxija t'Alla Ħallieq ta' kollox.

Hawn tassew kien donnu ġara għall-ewwel darba dak, li aktar wara l-Imgħallem Divin kellu jistqarr meta radd il-ħajr lill-Etern Missieru, u qallu: "Żammejt moħbija l-egħġubijiet tas-sema lill-għorrief u lill-għaqlin ta' did-dinja u nebbaħthom liż-żgħar u is-sempliċi" (Mt. II, 25-3)0.

Ma nafux, jekk dawk ir-ragħajja — għafsin u lura minn qaddishom — ħadux magħhom u għamlu jew le xi għotjiet lill-Bambin Ġesù fil-Għar ta' Betlem. Kienu, imsieken, hekk fqajrin! U, imbagħad dik l-aħbar tattwelid ta' Ġesù kienet ġiethom hekk f'daqqa, f'daqqa u, minn fuq, filqieraħ ta' lejl xitwi . . . .

Hija drawwa biż-żejjed magħrufa li fil-"presepji" tqiegħdu xi ragħajja, mexjin lejn l-Għar fejn twieled il-Bambin, b'xi ħaruf jew b'xi bhima oħra fuq spallejhom jew fuq dirgħajhom; minn dan iżda, ma nsibu xejn fl-Evanġelju u għalhekk, din iddrawwa hi aktarx ħliq tal-fantasija ta' l-artisti biex aktar jagħtu ħajja lix-xena qaddisa li ġrat f'dak il-lejl tal-Milied. B'dana kollu, dik iż-żjara tar-Ragħajja ma kenitx, le, nieqsa minn għotjiet u rigali. U x'għotjiet! U x'rigali huma ħadu u taw lill-Bambin f'dik in-nieqa tiegħu! L-għotja ewlenija li ħadu magħhom għall-Bambin Ġesù hi mfissra f'dik il-għaġla li biha laqgħu l-messaġġ ta' l-Anġlu, li dlonk telqu lejn l-Għar ifittxu t-Tarbija Mwielda u, li malli sabuha, nxteħtu quddiemha u offrewlha l-qalb safja u sempliċi tagħhom; u, mal-għotja ta' qalbhom, sempliċi u safja, huma fissru u stqarru lill-Iben ta' Marija l-Emmna tagħhom fil-missjoni divina tiegħu, kif kien qalhom l-anġlu u mseddqin b'dawk l-għeġubijiet li kienu raw f'dak il-Għar imqaddes. U Alla, li jara u jaqra f'qalb il-bniedem, laqa' żgur il-qima u t-tweġġiħ ta' dawk l-ewlenin aduraturi bi tbissim ta' l-akbar għaxqa u għamel li huma, għalkemm għafsin u sempliċi, jifhmu dak ilmisterju kbir, hekk, li għalkemm sa dak inhar għexu fl-emmna tal-Feddej Mistenni, minn hemm 'il quddiem bdew jgħixu fl-imħabba tas-Salvatur, li huma raw u weġġħu bħala l-Messija fil-faqar tal-Għar ta' Betlem.

U hekk, wara li f'dik iż-żjara tagħhom, ir-ragħajja ta' Betlem, fetħu qalbhom u berrħu mħabbithom lill-Bambin Ġesù, "marru lura għall-merħliet tagħhom, ifaħħru u jweġġħu l-Mulej għal dak li kienu semgħu u raw, bħal ma kien qallhom l-anġlu" (Luq. II, 20); u ssuktaw jgħixu ta' bdiewa u ta' ragħajja miġburin u marbutin mar-rieda t'Alla. Hekk intemmet ħajjithom ma' tul il-ħajja tal-Feddej fuq dina l-art; ħajja li kellha tkun — u min qatt jista' ma jaħsibx hekk? — il-bidu u t-tmiem ta' ħajja ta' mħabba, ta' qima u ta' tweġġiħ lejn Alla u lejn Ibnu l-Waħdieni magħmul Bniedem, imwieled fil-Għar ta' Betlem.

Ma għandniex magħruf, *meta* u *fejn sewwa* dawn lix-xurtjati ragħajja temmu ħajjithom fuq dina l-art.

Nafu iżda, li fejn l-anglu deher u wassal l-aħbar tiegħu, fi żmien San Ġlormu († 419) kien ġa hemm monasterju kbir u qadim, li fih kienu jgħixu ħafna erwieħ tajba, b'ħajja mfassla fuq dik tar-ragħajja ta' Betlem. Dak il-monasterju kien twaqqaf mill-Insara ta' qabel, li għażlu dak l-imkien fejn, kif kien jingħad, l-angli ferreħin kienu għannew f'dak il-lejl qaddis, l-innu "ta' ġieh lil Alla fil-għoli tas-smewwiet u sliem lill-bnedmin ta' rieda tajba".

Jaħsbu li fil-Knisja ta' dak il-monasterju, u sewwasew f'għar taħt l-istess knisja, kienu ġew midfuna l-fdalijiet tal-iġsma tar-ragħajja mqaddsa, imweġġħa bħala relikwji tal-qaddisin.

Hu wkoll ta' min jiftakar, li f'dak l-imkien, jiġifieri fil-knisja ta' dak il-monasterju, kienet bdiet titkanta dik it-taqsima tal-"Uffiċċju divin", imsejħa "PRIMA", għax tiġi l-ewwel waħda mill-erba' "URI" (ore) liturġiċi, li huma taqsimiet mis-sebgħa l-oħra tal-Uffiċċju Divin.

Il-qagħda ta' dak l-imkien qaddis, ta' ġmiel u ta' sbuħija li jgħaġġbu, milqut sa miż-żerniq minn dawk l-imrieżaq imdiehba tax-xemx li għodu għodu tidher fuq il-għolja ta' Moab, kienet dik żgur li nebbħet lill-Kittieb sagru l-għana ta' dik it-talba ta' fil-għodu, u li mbagħad minn Għannej divot, b'sengħa kbira, ġiet imfissrha hekk: —

*"Iam lucis orto sidere*
*Deum praecemur supplices,*
*Ut in diurnis actibus*
*Nos servet a nocentibus."*

Fis-seklu IX, dak il-monasterju tar-ragħajja — bħalma ġara lil tant oħrajn tal-Palestina — kien imħarbat mill-Persjani u mbagħad meqrud għal kollox mill-Misilmin. Il-Patrijiet Franġiskani, wara żmien, irnexxielhom jixtru dik l-art, imsejħa l-"*Għalqa tar-Ragħajja*" u fis-sena 1954, bl-Arkitett Toni Barluzzi, bnew Knisja, għamla ta' għarix, li tfakkar sewwa l-fatt tal-Vanġelju.

Ir-relikwji tar-ragħajja mqaddsa kienu ġew meħlusin u merfugħin, għall-ewwel f'monasterju f'Ġerusalemm, u mbagħad, ġew meħudin fi Spanja, fil-belt ta' Ledesma, qrib Salamanka, fejn huma meqjumin mill-insara.

Il-qima, vera u universali, li tingħata lir-ragħajja ta' Betlem, hi dik, meta aħna, fil-glorjuża liturġija tal-Milied inħarsu lejhom u narawhom fix-xena plastika tal-presepju, meta nisimgħuhom fil-kant tal-Evanġelju u meta nħarsu lejhom mhejjin jilqgħu s-sejħa tal-Mulej, magħmula lilhom mill-anġlu, jagħarfu fit-Tarbija lil Ġesù Messija, u dlonk jinxteħtu jadurawh b'qalb niedma u sinċiera.

Agħtina, O Mulej, qalb bħal ta' dawk ir-ragħajja xxurtjati biex aħna wkoll ikun jistħoqqilna nadurawH il-lum u għal dejjem!   P.L.M.

## L-ITTRI FUQ QABAR

Ġerman, raġel twajjeb ħafna u sempliċi wkoll, kien ordna monument sabiħ għal fuq il-qabar ta' ħuh, b'lapida ta' l-irħam kbira. Il-marmista staqsieh u qallu: — "X'ittri tridni nonqox fil-lapida?" — "Agħmel ittri kbar u ħoxnin, qallu, għax ħija kien korta vista.

# MARIJA OMM IL-BNEDMIN BIS-SAHHA TA' EVA?

Kristu mormi fuq is-Salib qabel ma radd ruħu għall-fidwa tal-bniedem ġiegħel lil ommu tieħu bħala binha lil Ġwanni l-Appostlu. Dar fuq id-dixxiplu li kien iħobb u qallu: "hekku ommok" (San Ġwann, XIX, 26-27). Mill-għotja ta' Marija SS.ma u tad-dixxiplu lil xulxin minn Kristu, l-għorrief tal-Knisja, bħal Bossuet (*Sermon sur le Rosaire*, *Opera*, t.II, p.808) u r-Roschini (*Istruzioni Mariane*, Roma 1945, p.76s) jgħallmu li Kristu b'dawn il-kliem ħatar lil ommu Marija omm il-bnedmin kollha.

Ma nafx kif fi kliem Kristu jista' wieħed jintebaħ b'dan il-wirt. Kif jgħidilna San Ġwann innifsu, ħdejn is-salib kien hemm ukoll "oħt ommu Marija ta' Kleofa, u Marija Maddalena" (XIX, 25). Konna naslu għal xi tagħrif bħalma jridu jgħidu Bossuet u r-Roschini li kieku Kristu qal lil ommu "Hekk huma wliedek", u lil dawk ta' madwar is-salib "Hekku ommkom".

Marija kienet omm il-bnedmin qabel ma seħħ il-misteru tal-Golgota. Marija mhix omm il-bnedmin għax mogħtija lilna b'adozzjoni minn Kristu bħalma jridu l-għorrief li semmejna. Marija m'għandhiex, qabel xejn, għax tiżżi ħajr lil Eva talli ħaditha m'Alla. Mhux bis-saħħa ta' Eva Marija saret omm Kristu u omm il-bnedmin kollha. Marija kellha tkun omm Kristu u omm il-bnedmin mhux minħabba d-dnub, iżda qabel id-dnub. Mhux Marija minħabba Eva, iżda Eva għal Marija. Qabel Adam u Eva, Marija kienet; għalhekk hi ommhom. Eva nħalqet għax Marija kienet ġa omm; id-Duluri seħħet għax Eva dinbet. Marija kellha tkun omm Kristu glorifikatur; għax seħħ id-dnub din l-istess omm tat lill-Feddej minflok.

Il-kelma "omm" u l-kelma "tarbija" huma żewġ kelmiet li jinġabru fi ħsieb wieħed; tant hu hekk li waħda tiġbed lill-oħra. It-tifsir ta' "omm" tagħtih "it-tarbija"; ma nifhimx x'inhi tarbija jekk ma nafx xi tfisser omm. Dawn huma żewġ ħsibijiet, li għalkemm wieħed mhux l-ieħor, ma jistgħux ma jitlaħħmux f'xulxin għat-tifsir tagħhom infushom. Għalkemm il-Kitba Mqaddsa ma tantx tagħti tagħrif fuq il-Madonna, nistgħu b'xi mod ninteбħu bil-kobor tagħha, jekk inqisuha mgħaqqda ma' binha: l-omm u t-tarbija. Smajnieha kemm il-darba "immorru għand Kristu permezz ta' Marija": hawn nagħmlu bil-maqlub, immorru għand Marija permezz ta' Kristu.

Meta Alla qal "ejja noħolqu l-bniedem xbieha tagħna", dan qalu għax kellu f'moħħu l-kapulavur tiegħu li kellu jitwettaq f'ġuf il-Madonna, bis-saħħa tal-Madonna. Ħadd ma jista' jiċħad li jekk qatt kien hawn maħluqa li ġabret fiha x-xbieha t'Alla, kienet Kristu. U għax Alla ried lil Kristu, Adam u Eva nħalqu biex jitwieled Kristu fid-dinja; għalhekk l-istess ħolqien tagħhom kellu sehem fi Kristu; għal daqstant kellhom jiġbdu x-xbieha ta' Kristu fuqhom. Minn hawn nifhmu li Alla ma setax ma joħloqx il-bniedem,

Adam, xbieha tiegħu. Jekk Alla ried joħloq lil Kristu biex ikun maħbub minn kreatura perfetta, u dan Kristu kellu jitwieled minn Adam, il-bnedmin kellhom ikunu xbieha ta' Kristu, u jiġbdu d-dehen t'Alla fuqhom. Aħna ngħidu li min irid l-għan irid ukoll il-mezzi biex jikseb dan l-għan. Lill-bniedem ma r r i d u x narawh issa wara l-waqa', iżda qabel, meta kien fl-istat ta' l-innoċenza.

Dan it-tagħlim fuq Kristu jidher ċar fl-ittra ta' San Pawl lill-Efesin (I, 3-6). Fl-ittra lill-Kolossin (I, 14-17) San Pawl juri lil Kristu, Alla magħmul bniedem, bħala t-tifsir tal-ħolqien: il-bidu ta' kollox, l-għan li għalih kollox twettaq: 'il-ħwejjeġ kollha ġew maħluqa minnu u fih: u hu kollox, u bih kollox qiegħed iseħħ''. San Pawl hawn mhux qiegħed jitħaddet fuq it-tieni persuna tas-SS.ma Trinità, iżda fuq l-istess persuna magħmula bniedem; difatti wkoll ftit qabel jgħid ''dak li hu xbieha t'Alla inviżibli, l-ewwel imwieled fost il-ħlejjaq kollha''. Dan il-ħsieb l-Appostlu jerġa' jtennih f'ittra lir-Rumani: ''għax dawk li hu għarafhom minn qabel, iddestinahom minn qabel biex ikunu jaqblu max-xbieha ta' ibnu, biex ikun hu l-kbir fost ħafna aħwa'' (VII, 29). Kristu twieled fiż-żmien, iżda mhux b'daqshekk ma kienx jeżisti xorta waħda fil-milja tal-ħajja. X'inhi l-ħajja jekk mhux Alla nnifsu? Kristu qabel ma twieled kien ġa kiseb il-milja tal-ħajja, għax l-istess ħajja riedet lilu l-ewwel u qabel kollox. Ma ninsewx li f'Alla ma hemmx ġiri ta' żmien, fl-imgħoddi, f'issa u fil-ġejjieni: kollox present. Niftakru darba x'qal Kristu: ''Qabel ma kien Abraham, jiena (mhux it-tieni persuna tas-SS.ma Trinità; jien Kristu: it-tieni persuna tas-SS.ma Trinità magħmula bniedem) hu'' (San Ġwann, VIII, 59). Kristu kien minn dejjem, u indipendentement mid-dnub, ħuna. Id-dnub ħassar u farrak, u mhux ġiegħel li jitwettaq il-kapulavur t'Alla, li l-ħolqien kollu m'hu xejn ħdejh. Mhxu Kristu għall-bnedmin iżda l-bnedmin għal Kristu.

Minn hawn naraw il-kobor tal-Madonna: omm l-ewwel fost il-bnedmin (*primogenitus inter omnes creaturas*) ġiet neċessarjament maħluqa qabel kulħadd barra binha. U għax kellu dejjem jitwieled Kristu, Marija ma saretx omm Alla aċċidentalment, minħabba d-dnub. Il-Maġisteru tal-Knisja tenna kemm-il-darba li Alla b'digriet wieħed ried lil Kristu u lil ommu Marija SS.ma (Cfr. *Ineffabilis Deus* Pii IX; *Munificentissimus Deus* Pii XII: *uno eodemque decreto*). Hawn nilmħu lil Marija magħquda ma' binha, misawra f'misteru wieħed, għax fiha u bis-saħħa tagħha l-Ħallieq u l-maħluq saru ħaġa waħda; hi tat lil Alla n-natura ta' bniedem, u lill-bniedem n-natura t'Alla; hi li minn dejjem kellha tgħaqqad it-tnejn flimkien. Jekk il-kliem t'Alla ''ejja noħolqu l-bniedem xbieha tagħna'' kienu ndirizzati l-ewwel u qabel kollox lil Kristu, wara kienu wkoll fl-istess d i g r i e t jirriferixxu lill-Madonna. Jekk l-għan tal-ħolqien kien Kristu, il-Madonna kienet l-aqwa strument biex iseħħ dan l-għan; seta', għalhekk, Alla ħalaq biss il-Madonna ġiex jitwieled Kristu, u ma joħloq lil ħadd iżjed. Mhux biss, u dik il-maħluqa, li Alla u hi kellhom iwettqu l-kapulavur 'Kristu', sejra ma tkunx xbieha t'Alla b'mod l-iżjed perfett? Marija kienet, għalhekk, xbieha t'Alla iżjed milli kienet

Eva fl-istat ta' l-innocenza. Eva bis-saħħa ta' Marija kienet tixbah lil Alla, jew aħjar, Eva kienet tixbah lil Marija, li kienet xbieha t'Alla.

Meta ġibna dan kollu quddiem għajnejna, Marija tidher l-omm tal-ħlejjaq kollha qabel il-Golgota u mhux minħabba l-Golgota. Jekk Kristu hu l-ewwel kreatura maħluqa minn Alla flimkien mal-Madonna, u bis-saħħa ta' Kristu l-bnedmin kollha twieldu, Marija hi omm ta' Kristu u ta' ħutu li ġew warajh (loġikament) u minħabba fih. Jekk inżommu dak li għidna fuq Kristu quddiem għajnejna "qabel ma kien Abraham, jiena (Kristu) hu", Marija tieħu l-post ta' Eva bħala omm naturali tagħna. Fil-pjan naturali wkoll Marija hi omm il-bnedmin u mhux Eva. Hu minnu li Eva ġiet fiż-żmien qabel Marija, iżda m'għandniex inħarsu lejn il-fatt fit-tmiem tiegħu; naraw kif nistgħu il-bidu biex hekk ikollna iżjed tagħrif tal-fatt. Il-muntanja li qiegħda f'nofs oċeanu mhix biss dik il-qarquċa ta' barra mill-ilma; il-muntanja hi kollha kemm hi, li tibda minn qiegħ il-baħar. Il-quċċata li qegħdin naraw hi Eva, iżda l-baħar tal-misteru tal-kreazzjoni qiegħed jgħatti l-bqija tal-muntanja li tiġbor fiha l-misteru tal-Inkarnazzjoni. Kif rajna qabel, li jgħodd mhux li sar qabel jew wara fi żmien, li hu aċċident fl-għajnejn t'Alla, iżda x'sawret l-ewwel il-Ħajja. Il-Ħajja tkattret u tat Ħajja oħra li minna aħna ġejna: Alla ħalaq 'il Kristu, l-ewwel fost kulħadd, u minnu ġejna aħna. U min hi omm dak li lilu nafu ħajjitna?

*P. ANDREA CUSCHIERI,*
*O.F.M.*

# KEMM KIENU L-MAĠI?

Il-Vanġelju, waqt li jsemmi l-wasla tal-Maġi f'Ġerusalemm biex ifittxu fejn twieled is-sultan tal-Lhud (Mt. 2, 2), xejn ma jgħidilna kemm kienu fil-għadd dawk il-Maġi. Sa s-seklu IX, il-fehma ta' xi kittieba u l-fidi ta' bosta kienu jifhmu li l-għadd tal-Maġi kien "*minn tnejn sa tnax-il wieħed, imma bi preferenza għan-numru tlieta*". Mis-seklu IX 'l hawn ġew magħrufin saħansitra ismijiethom: GASPRU, MELKJORRI u BALDASSRI (Zanu), li qabarhom hu meqjum f'Kolon, fuq ix-xmara Renu, fil-Bavarja. Ta' min jaf, li fil-katakombi ta' Ruma hemm pittura (affresk), li turi erba' suriet ta' slaten inewlu għotjiet (rigali) lill-Bambin Ġesù bil-qiegħda fuq irkubbtejn is-Safja Marija.

Jekk il-Maġi kinux slaten jew kemm kienu l-Vanġelju ma jgħidx; iżda l-għadd ta' erbgħa minn flok tlieta, jaqbel sewwa mal-leġġenda li sa ngħidu hawnhekk.

Gaspru, Melkjorri u Baldassri kienu jgħammru f'Babilonja, fil-belt ta' Borsippa, waqt li l-ieħor, ir-raba' wieħed, li kien jismu Artibanu, kien minn Ekbatana, li hi qalb l-iġbla u l-għoljiet tal-Persja, xi 150 mil bogħod mit-tliet Maġi l-oħra. Il-Maġi kienu nies għorrief imħarrġin ħafna fil-għerf tal-Kwiekeb. Kienu jilbsu gallabija mlewna tal-ħarir, b'mantar tas-suf abjad, f'rashom

kappell li jgħatti xagħarhom twil nieżel fuq spallejhom. Dan ukoll kien l-ilbies tal-Qassisin tad-Din ta' Zuratustru. Kienu jaduraw in-nar — simblu t'Alla-Safa — għax in-nar hu l-aktar ħaġa safja fost il-ħlejjaq kollha, u li jfakkarna f'Dak li hu "DAWL U VERITA'."

Dak iż-żmien fil-Persja kien hemm mistennija kbira tat-twelid ta' bniedem kbir li jġib il-barka fid-dinja, u din il-mistennija kienet aktar imħeġġa mil-Lhud li kienu jgħammru hemm, fil-Persja. Għaldaqshekk, il-Maġi, li kellhom il-għerf tal-qagħda u taċ-ċaqliq tal-kwiekeb u li kienu jgħixu mħalltin mal-Lhud, ma jistax ikun li ma kinux jafu b'dik il-profezija ta' Balaam: "*Kewkba tinbet minn Ġakobb u xettru minn Iżraeli*" (Num. 24, 17); u aktarx ukoll li bit tiftix b'reqqa fil-Kalendarju Kaldew waslu jagħrfu li kellha tidher dik il-Kewkba ħabbarija ta' Twelid il-Messija.

U ġara li darba waħda, waqt li l-Maġi f'lejla sabiħa kienu jħarsu u jiflu ċ-ċaqliq tal-kwiekeb, kewkba ġdida tolqot għajnejhom, li dehret biss għal dak il-lejl u mbagħad għabet biex reġgħet dehret aktar 'il quddiem; u kien xi ġimgħa wara, li sewwa ttliet Maġi ta' Borsippa, kemm ukoll Artibanu ta' Ekbatana raw il-Kewkba ġdida ddur b'saħħa madwarha tarmi dawl u dija, li qatt bħalhom; u għax fehmu li dik il-ħaġa għariba kienet is-sinjal tas-Sultan Mitwieled qatgħuha li jmorru jfittxuh u jżuruh.

It-Tliet Maġi ta' Borsippa kellhom jistennew lil Artibanu, li kien bogħod minnhom għaxart ijiem mixi. Dan, wara d-dehra tal-kewkba, biegħ ġidu kollu, u bih xtara *topazju*, *rubin* u *ġawhra* mill-aktar sbieħ u ta' siwi kbir għas-Sultan Imwieled u, riekeb fuq dahar il-ġemel, erħielha għal Borsippa. Jidħol f'masġarijiet, jaqsam xmajjar, jitla' u jixxabbat ma' iġbla u ma' għoljiet, O, imma! . . . f'daqqa waħda, jilmaħ quddiemu mxewlaħ fl-art raġel qiegħed imut. Artiban dlonk jaqbeż minn fuq il-ġemel, jerfa' 'l dak l-imsejken fuq spallejh, imiddu għad-dell ta' siġra tal-palm, iħollu ħwejġu, jbillu xufftejh nexfin, jisqih xi ħaġa li tqajmu — għax il-Maġi kienu wkoll bħal tobba — u dar bih sakemm fetaħ għajnejh, imqajjem u f'siktu sewwa. Hawn l-imfejjaq ma ngħidux kemm raddlu ħajr, u "Alla ta' Abram, ta' Iżaak u ta' Ġakobb iħallsek, huwa qallu, jgħinek u jwasslek qawwi u sħiħ f'Ġerusalemm fejn għedt li sejjer. Kun af imma, li l-Profeti tagħna jgħidu li l-Messija f'Betlem għandu jitwieled!"

Artiban, għal ħabta ta' nofs il-lejl, reġa' beda jterraq . . . . massebħ, wara ħdax-il jum, daħal Borsippa. Dlonk imur fis-setaħ tat-Tempju tas-seba' sferi, imma ma jsibx hemm il-Maġi l-oħra; biss isib kitba minn tagħhom li tgħidlu hekk: "Stennejtek sa nofs il-lejl . . . Imxi warajna mat-triq tal-barr . . . Malajr fehem Artiban il-persjan x'kien ġara! Le, jaqta' qalbu. Ibigħ *it-topazju*, jikri karwana iġmla u jitlaq għal riħu, bla ebda ħsieb ta' tigrif li seta' jiltaqa' miegħu fil-barra. U jasal fl-aħħarnett f'Betlem wara tlitt ijiem li l-Maġi l-oħra sħabu kienu għamlu l-għotjiet tagħhom — Deheb, inċens u mirra — lis-Sultan Imwieled u minn triq oħra kienu telqu minn Betlem. Betlem kienet baħħ u skiet u hemda kienu jsaltnu: irġiel fir-raba' u t-tfal jirgħaw

l-imrieħel. F'daqqa waħda, Artiban jiġi milqut minn smigħ ta' għanja kiebja; il-bieb ta' dik id-dar kien miftuħ; Artiban jidħol, jilmaħ mara traqqad it-tarbija tagħha li, malli ħelset, daret biħ, qegħditlu l-ikel quddiemu, wrietu fejn iserraħ ġismu u għamlet miegħu dak kollu li mdorrija tagħmel mal-għorba li jiġu f'darha. U ma ħallietx it-twajba mara li tgħidlu, kif hemm "kienu ġew tliet għorba oħra li kienu libsin bħalu, ġejjin mix-xerq, u mmexxijin minn Kewkba sad-dar, fejn jgħammar Ġużeppi ma' martu u l-Bambin, u kif huma nxteħtu jadurawh u newlulu għotjiet ta' siwi kbir". Imma mbagħad dawn kienu għebu, bla ma ħadd jaf kif. U hekk ukoll ġara mbagħad il-lejl ta' wara: Ġużeppi ta' Nazzaret, b'martu Marija u bit-tarbija telqu bil-moħbi aktarx lejn . . . . . l-Eġittu . . . .

Fl-aqqal ta' dit-taħdita, Artiban jinħasad minn għajta ta' biża: "Għajnuna! Għajnuna! L-isbirri ta' Erodi qegħdin joqtlulna 'l uliedna ż-żgħar. Għajnuna!" . . . . U dik l-omm ġriet biex taħbi kif tista' iċ-ċkejken binha. Artiban dlonk intasab mal-bieb iħarsu b'suritu. Għad-dehra ta' dak il-barrani, l-isbirri ma ssugrawx jidħlu; resaq imma b'buli sewda r-rajjes ta' l-isbirri b'ħarsa kerha ta' theddid. Artiban, jilħaqlu! . . . dlonk urih ir-rubin li, milqut dak ir-rajjes milleqqa tiegħu, tefgħu b'regħba f'butu u dikment amar lill-isbirri: "Imxu 'l quddiem: hawn ma hawnx x'nagħmlu"!

Artiban mill-ġdid qabad iterraq lejn l-Eġittu, bil-ħsieb u t-tama li, issa jew mbagħad, jilħaq is-Sagra Familja f'xi oasi fil-barr, taħt is-sigar tal-palm jew tal-ġummajs; imma għal xejn! . . . Wasal sa Eliopolis, sa Menfi, taħt id-dell ta' dawk il-fortizzi Rumani ta' din il-Babilonja ġdida; mexa u terraq max-xtajtiet imwarrbin tan-Nil, fittex u għarrex bejn dawk il-piramdi qodma tal-Faragħuni, għad-dell tal-Isfinġi misterjuża; it-tiftix tiegħu ma sewa għal xejn . . . Imqarraq, għajjien u mifni, reġa' lura fil-Palestina, bit-tama li jsibhom. Hawn fettillu jistaqsi lil wieħed Rabbin: "Fejn, jew f'liema qagħda għandu jitfittex il-Messija?" U r-Rabbin, wara li qara għal xi ħin f'papiru, wiegħbu: "Il-Messija għandu jitfittex qalb il-foqra, l-umli, l-imdejqin, l-imgħakksin, għand dawk li huma fil-hemm" . . . Milqut minn din it-tweġiba, Artiban il-persjan dikment jintafa' għal kull għamil ta' ħniena: beda jitma lil min kien bil-ġuħ, satar lil min ma kellux x'jilbes, dar bil-morda, farraġ lill-imgħakksin, lill-ħabsin, u dan kien jagħmlu b'ħeġġa kbira u b'imħabba ta' aħwa.

Għaddew hekk 33 sena minn mindu Artiban kien beda jfittex il-Messija. Xagħru kien bjad qotna u ġismu għajjien u maħlul: imma dejjem bil-fehma li jiltaqa' mal-Messija. Hu f'Ġerusalemm għal ħabta tal-Għid il-Kbir. Il-Belt hi mimlija bil-Lhud, li ġew ukoll minn pajjiżi boghod. Artiban jiltaqa' ma' xi wħud, Lhud minn pajjiżu li jafhom, u jistaqsihom: "Għax dil-ġeġweġija ta' nies kollha l-lum, u fejn sejrin intom?" "Aħna sejrin, qalulu, ħdejn dik l-għolja, fejn sa jsallbu żewġ briganti u ieħor li jismu Ġesù minn Nazzaret, li għamel ħafna egħġubijiet, u Pilatu bagħtu għat-tislib, għax qal: "Huwa bin Alla u Sultan tal-Lhud"."

Artiban beda jaħseb bejnu u bejn ruħu: "Mhux jewwilla dak Ġesù, imwieled f'Betlem 33 sena ilu?" . . .

Ma nagħmlux li wasalt sabiex insib dak is-Sultan minni hekk mixtieq?... f'idejn l-għedewwa tiegħu? . . . Nista' nasal għall-inqas fil-ħin, qabel ma jmut, biex nagħti din l-ġawhra għalbiex nifdih u neħilsu mill-mewt! . . . u baqa' sejjer wara l-oħrajn għan-naħa tal-Kalvarju. Imma fit-triq ġratlu gażiba: Xbejba minn pajjiżu Ekbatana tagħrfu, tmur fuqu, u titolbu: "Għall-imħabba t'Alla tas-Safa, ħenn għalija: jien msejkna rsira; eħlisni, iksibli l-ħelsien".

Ix-xwejjaħ m'għandux ħlief dik il-ġawhra, jaqbadha u jagħtihielha biex tinfeda. Iżda, f'daqqa waħda, tinħass theżżiża, l-art tibda tiċċaqlaq, ix-xemx tinħeba, is-sema jidlam, il-ħitan jinfetħu u jiġġarfu, u nies u suldati mbeżżgħin jaħarbu. Artiban u x-xbejba ħarbu wkoll jistkennu taħt l-arkati tal-Pretorju. Imma dikment, b'theżżiża oħra, aqwa minn ta' qabel, ġebla li nqalgħet minn ħajt laqtet f'nagħsu lil Artiban u hekk ġerħitu, li d-demm baqa' ħiereġ mingħajr ma seta' jieqaf.

Ix-xbejba, li ħasbet li Artiban kien miet, medditu ħelu, ħelu, ma' l-art: imma wara ftit rat li kien għadu qed jieħu n-nifs u bi tbatija kbira, waqt li jieħu n-nifs bdiet tisimgħu jgħid: "Mhux hekk, Mulej . . . meta qatt rajtek bil-ġuħ u tmajtek? Fejn qatt rajtek bil-għatx u sqejtek? Meta qatt kont il-ħabs jew marid u ġejt inżurek? Fejn qatt rajtek għarwien u jien libbistek?... Fittixtek iva, għal 33 sena sħaħ, xtaqt ħafna biex niltaqa' miegħek, imma ma kellix il-faraġ li nitpaxxa bid-dehra ta' wiċċek, l-anqas li nagħmillek l-iċken qadja, O Mulej, Sultan ħelu tiegħi!"

Hawn Artiban siket mill-kliem... Imma leħen ieħor, ħelu u hieni, nstema' jgħidlu: "Ngħidlek bissewwa kollu, li kull darba li għamilt xi ħaġa minn dak ma' ħutek il-bnedmin, dak għamiltu miegħi".

Nefħa kbira ta' serħan u ta' faraġ ħarġet minn fommu. Hu, Artiban, kien temm il-vjaġġ twil tiegħu. Għotjietu kienu tabilħaqq miqugħin tajjeb u hu nnifsu, Artiban, IR-RABA' MAĠI, fl-aħħar sab is-Sultan mixtieq.

P. UBERTU BERTI, O.F.M.

## FL-EŻAMI TAL-ĠEOMETRIJA

Pawlinu, tifel imżattat, imżattat, daħal għall-eżami tal-Ġeometrija u dikment wieħed mill-eżaminaturi staqsieh:

'Pawlinu, fissirli ftit, u bi ftit kliem: X'tifhem bil-kelma ĊIRKU?"

"Ċirku, sur Professur, huwa dak fejn il-papà ta' kull fil-għaxija jmur jgħaddi s-sigħat jilgħab, jaqra l-ġurnali u jgħaddi ż-żmien.

## AĠENT F'BANKA

Wieħed aġent f'banka tal-bdil il-flus, kien qiegħed jiftaħar kemm sar għani f'qasir żmien, u kien qal: — "Meta bdejt dan ix-xogħol, ma kellix dinier".

— "M'għandniex xi ngħidu: dan kollu veru" — qallu wieħed li kien qiegħed jisimgħu — "imma żgur li dawk li għamilt in-negozju magħhom, kellhom sewwa, eh?!" . . . .

## It-Tieni Taqsima — IMĦABBA

# IL-MIRAKLI TA' GESU' FL-EVANGELJI APOKRIFI

(*Jaqbad ma' l-għadd ta' qabel, p.* 93)

U ftit granet wara, Ġesù kien qiegħed jilgħab f'ħoġor il-bejt, u wieħed minn dawk it-tfal li kienu jilagħbu miegħu waqa' għal isfel minn hemm u miet. U malli t-tfal l-oħra raw (dan), ħarbu u Ġesù baqa' waħdu. Meta ġew il-ġenituri tal-mejjet bdew iwaħħlu fih li xeħtu 'l isfel. U dawk bdew isawtuh. Għalhekk Ġesù qabeż għal isfel minn fuq il-bejt u waqaf fuq il-katavru tat-tifel, u b'leħen għoli qal: "Żenoni — għax hekk kien jismu — qum u wieġeb: "Jien kont li xħittek 'l isfel?" U meta qam qal: "Le, Sinjur, ma xħittnix 'l isfel; iżda qajjimtni mill-mewt". U għal din id-dehra (ilkoll) baqgħu mistagħġbin. U l-ġenituri tat-tifel faħħru lis-Sinjur għal dan il-miraklu li sar u taw qima lil Ġesù (VII).

Ftit granet wara, wieħed żagħżugħ kien ikisser il-ħatab f'dawk l-inħawi u waqgħetlu l-mannara u fetħitlu siequ; u billi ħariġlu ħafna demm, miet. Billi qam għagħa kbir u marru ħafna nies, mar hemmhekk jiġri wkoll it-tfajjel Ġesù; u b'qawwa kbira qasam in-nies biex jgħaddi, u qabad is-sieq milquta taż-żagħżugħ, u dak fieq f'daqqa. Imbagħad qal liż-żagħżugħ: "Issa qum u erġa' aqsam il-ħatab u ftakar fija". U n-nies, meta raw dak li ġara, taw qima lit-tfajjel filwaqt li bdew jgħidu: "Tabilħaqq li l-Ispirtu ta' Alla jinsab f'dan it-tifel" (VIII).

Meta Ġesù kellu sitt snin, ommu bagħtitu jimla l-ilma għad-dar u tatu żir. Imma billi Ġesù ħabat man-nies, iż-żir inkiser. Allura Ġesù firex il-mantar li kellu fuqu, imlieh bl-ilma u ħadu għand ommu. Meta ommu rat dak il-miraklu, bisitu u baqgħet iżżomm ġewwa fiha t-tifkira ta' dawk il-misterji li kienet tarah jagħmel (IX).

Darb'oħra fi żmien iż-żrigħ Ġesù ħareġ ma' missieru biex jiżra' l-qamħ fil-għalqa tiegħu. U fil-waqt li l-missier kien jiżra', it-tfajjel Ġesù wkoll żera' żerriegħa tal-qamħ. U meta ħasdu l-ġabra laħqet il-mitt qatta, u meta dirsu sejjħu l-fqar kollha tar-raħal fuq il-qiegħa u tawhom il-qamħ kollu u Ġużeppi ħa biss dak li kien fadal. Ġesù kellu tmien snin meta għamel dan l-miraklu (X).

Missieru (Ġużeppi) kien mastrudaxxa u dik il-ħabta kien jagħmel l-imħaret u l-mdamad. Wieħed għani qabbdu jagħmillu sodda. Ġara li waħda mill-istrippi kienet iqsar minn sieħbitha, u billi Ġużeppi ma kienx jaf x'jibda jagħmel, ibnu, Ġesù, qal lil missieru: "Qiegħed fl-art iż-żewġ strippi u qegħidhom indaqs minn tarf wieħed". U Ġużeppi

għamel kif kien qallu t-tifel. Allura Ġesù mar in-naħa l-oħra u qabad l-istrippa l-qasira u fil-waqt li beda jiġbidha ġiebha daqs l-oħra. U missieru Ġużeppi meta ra dan stagħġeb u, fil-waqt li beda jgħannaq lil ibnu, beda jbusu u jgħid: "Kemm jien ferħan li Alla tani dan it-tifel!" (XI). (*Ikompli*).

NOTI

(VII) Jista' jkun li l-Awtur ta' dawn il-mirakli ġieb dan il-miraklu biex isaħħaħ dak il-miraklu li Ġesù kien għamel ġewwa Najm meta qajjem mill-mewt lil bin l-armla (Ara Luq. VII, 11-15), jew meta qajjem lit-tifla ta' Jajrus (Ara Mat. IX, 23-25; Luq. VIII, 49-56; Mar. V, 21-43).

(VIII) Dan il-miraklu, jekk mhux ħaġ'oħra, fih ftit tas-serjetà. L-Evanġelisti l-oħra jgħidu li Ġesù darba fejjaq raġel li kellu idu l-leminija iebsa (Ara Luq. VI, 6-11); min jaf jekk l-Awtur ta' dawn il-mirakli riedx iġib ieħor li jixbhu?

(IX) B'dan il-miraklu l-Awtur aktarx li ried isaħħaħ dak li kien kiteb qablu l-Evanġ. San Luqa fuq li l-Madonna baqgħet tiftakar dejjem il-ġrajjiet li saru tul it-tfulija ta' binha Ġesù (Luq. II, 19, 51).

(X) Fl-Evanġelji l-oħra li aħna nżommu bħala veri ebda ħjiel ma nsibu li San Ġużepp kellu r-raba'; filwaqt li l-Evanġelisti jaqblu li San Ġużepp kellu sengħa ta' mastrudaxxa. Madankollu l-istess Awtur jaqbel li San Ġużepp kien mastrudaxxa bħalma jidher mill-miraklu li ġej.

(XI) Fi żmien Kristu s-sinjuri biss kellhom is-sodod għall-irqad; l-oħrajn kienu jifirxu fl-art. Dak is-sinjur li qabbad lil San Ġużepp jagħmillu sodda, skond xi kittieba li mhux ta' min jorbot fuqhom, kien Erodi l-Kbir.

DUN ANTON TABONE

# Ir-Randan tal-Misilmin

Il-Misilmin, li jistqarru d-Din ta' Mawmettu, m'għandhomx l-għaxar kmandamenti, bħalma għandhom il-Lhud u l-Insara; ma dan kollu, huma għandhom ukoll xi kmandamenti, imsejħin minnhom "pilastri tal-Islam" u dawn, ftit jew wisq, jistgħu jiġu mxebbhin mal-preċetti tal-Knisja Kattolika, li fuqhom ifasslu u jmexxu l-ħajja tagħhom reliġjuża l-Insara Kattolki.

L-ewwel preċett tagħhom, biex insejħulu hekk, imiss l-istqarrija tal-fidi, li biha kull mislem għandu jkun mogħni. Din l-istqarrija hi miġbura f'dawk il-kelmiet li kull mwezzin, aktar minn darba ma' tul il-jum, ifakkar minn fuq it-torri tal-moskija tiegħu: "*Allaha akbar*"! "*La Ilaha illa Allah, huwa Muhammed rażul—Uallah*", li jfisser: "M'hemmx Alla ieħor barra minn Allah, u Mawmettu n-Nabi tiegħu" . . . Din għall-inqas għandha tiġi mtennija ħames darbiet ma' tul il-jum.

Din il-"formula" li, ftit jew wisq, tiġbor fiha kollu kemm huwa t-Twemmin Dogmatku mawmettan tressaq mhux ftit id-dinja musulmana lejn ir-reliġjonijiet l-oħra — bħalma l-Lhud u l-Insara — li bħala sies tat-twemmin tagħhom m'għand homx ħlief "Alla Wieħed" (monotejismu).

It-tieni amar (preċett) tal-Islam hu t-talba ritwali ta' kull jum, li għandha tintagħmel f'ħinijiet stabiliti: fil-għodu maż-żerniq, f'nofs inhar, għall-ħabta tat-3 wara nofs inhar, f'għajb ix-xemx u meta jid

ħol il-lejl sewwa. Meta wieħed jitlob għandu jħares lejn il-Mekka u jqis li jkun safi, jiġifieri f'qagħda legali ta' safa, jekk le, jiġifieri jekk ikun b'xi dnub, għandu qabel jinħasel f'idejh, f'wiċċu, f'dirgħajh u riġlejh sa għarqubu. Jekk ma jkollux ilma, jista' jinqeda bir-ramel, bħallikieku nħasel bl-ilma.

F'kull nhar ta' Ġimgħa ta' kull xahar għandha ssir it-Talba Publika, għandha ssir fil-Moskija u għaliha għandhom dmir li jmorru l-irġiel kollha. In-nisa ma jistgħux jieħdu sehem fit-talba publika.

l-għajnuna lill-foqra, jew għal dawk li jmorru, għax iridu, għall-"gwerra santa". Din il-lum aktarx tinġabar u flimkien ma' dħulijiet oħra jmorru f'idejn il-gvern għall-ġid tal-Kommunità.

Ir-raba' amar (preċett) tal-Islam jolqot il-Pellegrinaġġ għall-Mekka. Minn dan il-pellegrinaġġ huma meħlusin iż-żgħar, l-irsiera u dawk li ma jistgħux iħallsu l-vjaġġ għall-Mekka; jekk imma, għada pitgħada, il-qagħda soċjali ta' dawn tinbidel jidħlu fid-dmir li jżuru l-Mekka.

Iż-żawwari mislem divot, kemm



*Kampnar mnejn il-Muzzin iħabbru l-ħin u jistieden lil poplu għat-Talb*

It-tielet amar (preċett) tal-Islam iħares l-GĦEXUR (id-deċmi) kif inhi d-drawwa.

Din hi elemosina jew taxxa li tolqot lil kull mislem skond il-ġid materjali li huwa għandu; għalhekk tiġi migbura kull sena mill-ġid li wieħed jaqla', jiġbor jew idaħħal. Kif hemm miktub fil-Qoran, din ma tistax tiġi minfuqa f'ħaġ'oħra jekk ma hix umanitarja, bħalma hu l-ħelsien jew riskatt ta' l-irsiera,

idum fil-pellegrinaġġ, għandu jilbes libsa li tagħżlu mill-oħrajn mhux pellegrini u li ċċaħdu minn xi ħwejjeġ ta' xeħta axxetka oħra, bħallikieku tiċħadlu li jista' jaqta' dufrejh, xagħru, u ħwejjeġ oħra.

Fl-aħħarnett, bħala għaqda tal-ħames preċetti tal-Islam hemm is-sawm, li jaħbat fix-xahar qamri tar-Ramadan. Huma erba' ġimgħat ta' tewba kull sena, ftit jew wisq, jistgħu jiġu mxebbhin lir-Randan

tagħna l-Insara, u li jaħbtu sewwa sew f'dak iż-żmien tas-sena li, kif jingħad, tfakkar "meta Mawmettu ġie mnebbaħ biħom mis-sema" u li mbagħad, qrib is-sena 622 W.K. ġew miktubin fil-Qoran (bidu tal-era musulmana).

Kollha kemm huma l-Misilmin, ulied Mawmettu, f'kull naħa tad-dinja, jinsabu fejn jinsabu, bl-għadd bla qies tal-miljuni tagħhom, għandhom l-għoli dmir li jsumu r-Ramadan, kif amar l-istess Allah, bil-kitba tal-Qoran, Ktieb qaddis.

Is-Sawm tar-Ramadan jibda fil-għodu maż-żerniq tal-jum u jibqa' sejjer sa għajb ix-xemx, mingħajr ma tista' tieħu xejn. Il-bidu tas-sawma ta' kull fil-għodu, għaxar minuti qabel, jiġi mfakkar minn sparatura tal-kanun, sabiex kulħadd jitħejja għas-sawma b'żelu kbir. Tar ieħor ta' kanun jinstema' wkoll fil-għaxija, ħin li għandha tintemm is-sawma.

Is-sawma tal-misilmin hi ċaħda ta' kull ikel, xorb, fwejjaħ, tipjip u wkoll użu taż-żwieġ; dan imma għal ma' tul il-jum biss, għax għal ma' tul il-lejl sa l-għodwa ta' l-għada ebda eċċezzjoni ma tingħata.

Ebda mislem m'hu ħieles mis-sawm tar-Ramadan, barra minn dawk li huma morda, xjuħ, jew huma f'xi vjaġġ. U dan l-amar tas-sew hu mħares mill-fidili misilmin, bosta drabi bi skruplu kbir, hekk, li jżommu miksura s-sawma, jekk biss, qatra ta' l-ilma tiżloqlok u tiblagħha waqt li tlaħlaħ ħalqek jew snienek.

Min għax ikun ried, jikser is-sawm tar-Ramadan jinħtieġlu jagħmel xi opra ta' benifiċenza bħala tpattija jew bħala tewba. Mawmettu jgħid: "It-talb hu wisq iżjed aħjar mill-irqad"; għalhekk, xi sigħat mil-lejl, il-Misilmin twajba jgħadduhom fit-talb lil Allah, u l-ġemgħat fil-moskija fi żmien dan is-sawm huma aktar ta' sikwit u aktar imħeġġin.

U f'dawn il-jiem, ħalli għalihom il-predikaturi jew qwaresimalisti ta' l-Islam, għall-ħeġġa tagħhom li juru fit-tagħlim li jagħmlu! . . .

Jifhmu l-Misilmin twajba, li l-opri tajba magħmula ma' tul il-ljieli tar-Ramadan huma iżjed ta' mertu u jogħġbu 'l Alla u għalhekk huma ta' ħlas akbar għas-sema. U dan jingħad iżjed, u iżjed għal dawk il-ljieli, hekk imsejħin "Il-Ljieli ta' ġieħ u ta' setgħa", li jaqgħu fl-aħħar għaxart ijiem tar-Ramadan, għax fihom Allah — jifhmu l-Misilmin — jeħles għadd ta' erwieħ wisq iżjed kbir mill-pwieni ta' l-Infern, milli fi żmenijiet oħra. Dawn il-Ljieli "ta' ġieħ u ta' setgħa", fit-tifsir teoloġiku tagħhom, ġew minn xi wħud imxebbhin ma' l-Qawma mill-Imwiet ta' Ġesù, kif hi mogħtija fil-Vanġelji tagħna.

Iżda, billi ebda data m'hi mogħtija — għax ebda tnebbiħa ma kellu qatt Mawmettu fuq dawk il-Ljieli "ta' ġieħ u ta' setgħa", għalhekk il-Misilmin twajba jagħmlu kollox, b'dak il-għan li jitħejjew, għal ma' tul ġimgħa sħiħa, b'opri tajba u ta' tewba, sabiex jekk għandha tasal fuqhom dik is-siegħa ta' biża', huma jkunu f'qagħda ta' grazzja li jisimgħu leħen il-kbir Allah u jmorru għas-sebħ ta' dejjem.

Żmien ir-Ramadan huwa żmien tajjeb ħafna u jiswa mhux ftit għall-foqra u aktar għat-tallaba. F'dawk il-ġimgħat kulħadd jagħti karità aktar bil-qalb biex ipatti għal dnubietu; u hekk il-fqar u dawk li

jinħtieġu għajnuniet materjali jsibu iżjed min jerfagħhom u jgħinhom fil-ħtiġijiet tagħhom.

Min qatt inzerta fost il-Misilmin fiż-żmien tar-Ramadan jagħraf malajr kemm dawn jagħmlu kull sagrifiċċju, kemm jitgħakksu u kemm jiċċaħdu minn ħwejjeġ, li għalihom bosta drabi meħtieġa, sabiex iħarsu sewwa b'reqqa kbira li ma titwemminx ir-ritwal tas-sawm.

Hu tassew li fix-Xerq dan it-tgħakkis ta' ġisem fejn jidħlu ċaħdiet l-iżjed u sawm, huma aktar ħwejjeġ li jsiru fil-Lvant milli fl-Ewropa tagħna, u dan narawh hemmhekk ukoll fl-istess Insara; iżda dana ma jibqax ma jurix, li r-Ramadan huwa prova l-aktar li tiddi u li tgħidilna "kemm u kif il-Musulmani għadhom marbutin u jħobbu d-Din tal-Profeta Muħammed u x'jagħmlu biex iħarsu kemm jistgħu l-Kmandamenti miktubin fil-Ktieb għalihom qaddis: Il-Qoran".

L-imġiba, li biha miljuni ta' Musulmani jġibu ruħhom biex iħarsu bl-akbar reqqa s-sawm u ċ-ċaħdiet l-aktar iebsa fil-jiem tar-Ramadan tagħhom, m'hi xejn ta' ġieh għalina l-insara; meta naħsbu l-iżjed kemm f'Insara Kattolki jarawha xejn bi kbira jiksru l-jum tas-sawm u ta' l-astinenza li għamlitilna l-Knisja għal xi jiem ta' ma' tul is-sena.

P.A. CASSAR

---

# IL-LEGGENDA TAL-BAJTAR TAX-XEWK

Lil Patri Sidor Urteaga kont nafu mindu kont daqsxejn ta' sabi mqareb immur ngħinu l-Quddiesa fil-Knisja tas-Santissmu Salvatur. Illum ilu mejjet biċċa sewwa u jien xjaħt qatigħ. Iżda ma' l-ewwel jum ta' kull sena ġdida ifeġġ quddiemi — xwejjaħ b'leħja qasira bajda tagħti fis-safrani, magħlub għuda u twil daqs stwiel. Lilna t-tfal kien iġibna bosta u meta kien jara xi ċorma minna lesta biex tinbex lil xi ħadd dikment kien isejħilna ħdejh u jibda jgħidilna xi ġrajja. Ġrajjiet qalinna tgħidux kemm! U aħna t-tfal konna nduru qagħqa miegħu, nisimgħu bla nitħarku — aħna t-tfal għarbin bla sabar! Min jemmen? U fost kollox baqgħet dejjem l-leġġenda tal-Bajtar tax-Xewk li għalkemm qalilna kemm il-darba konna rriduh itennihielna. Ma rridx ninsa ngħid li jekk illum jien Patri ta' San Franġisk t'Assisi għandi għax nizżi ħajr l-ewwel 'l Alla u mbagħad lil Patri Urteaga, li l-Mulej inqeda bih biex xeħet f'qalbi żagħżugħa ż-żerriegħa tas-Sejħa għall-Ħajja Reliġjuża.

Mela hawn hi l-leġġenda "Tal-Bajtar Tax-Xewk" li se ngħidhielkom bejn wieħed u ieħor, kif smajtha minn P. Sidor.

Mela darba waħda ilu, ilu ħafna, f'daqsxejn ta' dar fqajra kienu jgħammru tlieta min-nies: raġel, mara u tarbija. Lejla waħda, meta kulħadd kien rieqed, dawn kienu ħarġu 'l barra minn darhom. Il-

mara żagħżugħa kellha t-tarbija mleffa f'xalla tas-suf tan-nagħaġ u r-raġel, liebes ukoll biex jilqa' r-reżħa tal-lejl, kien qed isuq ħmar. Ħoss ta' xejn, għajr kultant, iż-żaqżiq ħiemed tal-qrieq maċ-ċlamit. X'kien ġara? Dak kien ħin il-ħruġ? Ġara dak li ma jiġrix f'mitt sena. Anġlu tal-Mulej kien niżel mis-smewwiet u wissa lir-raġel Ġużeppi, u qallu: "Aħrab ma' għarustek Marija u ma' Binha Ġesù, eħilsu mill-qilla ta' Erodi s-Sultan; aħrab lejn Art il-Masri". U Ġużeppi qagħad għall-kliem tal-ħabbar, qajjem lil Marija u rama l-ħmar. Kien dan Ġużeppi daqsxejn ta' ħaddiem fl-injam f'Nazzaret, b'danakollu l-Mulej kien xeħet għajnejh fuqu billi kien ġwejjed, għaqli u seddieq.

U erħewlha lejn l-Eġittu, triq twila kollha għawġ u tbatija. Fuq il-ħmar qagħdu Marija u t-tarbija, u Ġużeppi, felħan u żagħżugħ, kien mixi, l-art bdiet titħatteb, beda jidr-riedni tal-bhima. Wara jumejn mixi, l-art bdiettitħatteb, beda jidher ix-xewk, ma naqasx l-għollieq. L-art kollha trab u ramel bdiet tagħmel tagħha wkoll, għax il-ħmar beda jogħtor. It-trab u r-ramel bdew deħlin fil-għajnejn, u dawn bdew idemmgħu. It-Tarbija kienet rieqda fi ħdan Ommha. Marija kellha fuq ħaddejha sfajra l-għeliem ta' l-għeja, u Ġużeppi meta raha hekk qalilha biex jieqfu u joqogħdu jistrieħu.

Mat-triq kienu ħadu loqma ħobż u farka tin imqadded. Issa fil-ħorġ ta' Ġużeppi kien hemm żbieb imdaqqas u ħelu li t-Tarbija kienet tħobb issoff il-benna tiegħu.

U mas-sebħ waqfu ħdejn qatgħa siġar tal-Bajtar tax-Xewk, kollha mimlija bi frott ħamrani. 'L hinn kienet isserrep nixxiegħa ta' ilma ċar u nadif. U billi t-Tarbija Ġesù kienet imfarfra sew setgħet toqgħod teħda ċċafċaf idejha żgħar fl-ilma ġieri. Imbagħad Marija resqet lejn il-bajtar li kien kollu xewk niggieżi; iżda kif qiegħdet idha fuq waħda minnhom, ix-xewk dlonk miel u waqa'. U x-xewk tal-bajtar kollu li kien isebbaħ lis-siġar miel u waqa'. U qatgħet Marija, ħodon, u tat lil Ġużeppi. U sqiet mill-ilma ġieri liċ-ċkejken Ġesù.

Qattgħu aktar minn sagħtejn għad-dell ta' dik is-siġra; tkellmu bejniethom fuq il-Ġenna u Ġesù b'idejh iċ-ċkejkna kien jilgħab ma' ħaddejn ommu u jifraħ. F'ħin wieħed beda jinstema' ġej mill-bogħod ħoss ta' żwiemel jiġru bla lġiem. U l-ħoss beda jqarreb sew. Kien ħoss ta' bosta u bosta żwiemel; u beda jidwi wkoll għajjat ta' nies imgħaddba.

Ġużeppi qam mill-art, Marija reknet ħdejha lil Ġesù u ħarsithom tefgħuha lejn is-Sema. Dak il-ħin Ġesù beda jagħmel sinjali b'idu u juri s-siġar tal-Bajtar lil Ommu u lil Ġużeppi. Ried jgħidilhom biex jitrekknu magħhom u jidħlu qalbhom. U kif il-weraq smien tal-Bajtar beda jħoss lil Marija, lil Ġesù u lil Ġużeppi jmissu miegħu, beda jfarfar minn fuqu x-xewk niggieżi. U għaġeb tal-għoġbijiet beda jikber u jikber sa ma għatta lit-tlieta u kenniehom u ħbiehom. Issa sabu ruħhom donnhom f'għorfa.

Għaddew is-suldati mgħaddba ta' Erodi. Il-kbir tagħhom niżel minn fuq iż-żiemel ta ħarsa ma' dwaru. Ma ra 'l ħadd, iżda meta lemaħ il-bajtar tax-xewk resaq lejh medd idu biex jaqta' u x-xewk tqanfed u niggiżlu subgħajh kollha. Ħass il-labar ma' ġismu kollu u mbergħen tala'

fuq iż-żiemel, ta ħarsa lejn sħabu u kull irħewlha jiġru. It-trab li qajmu ż-żwiemel għatta lil kulħadd. U fl-aħħar għebu għal kollox.

Meta xejn ma nstama' aktar il-Familja Mqaddsa ħarġet minn qalb is-siġar tal-bajtar tax-xewk u ssuktat trtiqtha lejn l-Eġittu. Qabel telqu l-Bambin bierek lis-siġra, il-Madonna besitha bil-qajla u San Ġużepp ħa werqa u temagħha lil-ħmar.

Din hi l-leġġenda tal-Bajtar Tax-Xewk. Patri Sidor Urteaga kien jgħidha b'aktar reqqa, tnikkir u ħlewwa. Jien, li issa xjeħt, għedtha kif ftakartha. Għaliex it-tifkiriet tat-tfulija, għalkemm jistgħu jiċċajpru xi daqsxejn qatt iżda ma jmorru minn quddiem l-għajnejn.

P. G. KRISOSTMU ALAFI,
O.F.M.



*"LEĦEN L-ART IMQADDSA"*

*JIXTIEQ SENA ĠDIDA TA' RIŻQ, TA' ĠID U TA' HENA*

*LIL MIN SWIELU TA' XI ĠID*

*BIL-KITBA, BIT-TIXRID U B'XI ĦIDMA*

*IL-BARKA TA' ĠESU' BAMBIN*

*TINŻEL FUQHOM BIL-KOTRA.*

# DRIEGH IL-MULEJ FL-ISTORJA TAL-GENS LHUDI

6. *Eliżew u Naaman.*

Naaman kien rajjes fuq in-nies kollha tas-Sultan tas-Sorija, raġel ta' kelmtu u ta' setgħa kbira, jinqala' ħafna u għani ferm, imma mġiddem. Issa nzerta li martu kellha b'irsira tagħha daqsxejn ta' xebba minn Israeli. U din qalet lil sidtha: "Għaddieli minn moħħi li jekk sidi jmur mawra sa Samarija, fejn dil-ħabta hemm il-profeta Eliżew, żewġek ifiq mill-ġdiem li rikeb". Kif martu tarrfitlu fuq li semmietlu l-irsira tagħha, Naaman tħajjar imur u b'amar is-sultan ħtieġlu li jitlaq u jidħol Samarija, u ħa miegħu tagħmira fidda u deheb u xedd. U waqqaf iż-żwiemel biswit id-dar ta' Eliżew. U Eliżew anqas biss xiref mit-tieqa, u bagħat jgħidlu ma' Ġieżi li jmur jitbaħbaħ seba' darbiet fl-ilma tal-Ġurdan u joħroġ mill-ilma mfejjaq. Naaman ħa għalih għax deherlu li Eliżew ma kellux iġib ruħu miegħu kif għamel, billi deherlu li kellu jinżel hu nnifsu u dik is-siegħa jfejqu fl-isem t'Alla; fuq hekk telalu, tah daħru u qabad igemgem u jgħid: "Jaqaw, ix-xmajjar tas-Sorija ma jiswewx bil-bosta aktar mill-ilmijiet ta' Israel? Iżda n-nies tiegħu, huwa u jitbiegħed minn hemm, tarrfulu illi kieku l-Profeta qallu jagħmel wisq aktar mn'hekk, hu kien bil-fehma joqogħdlu: kemm aktar imissu issa jisma' minnu, la darba ma talbux ħlief jinħasel u jissaffa? Naaman fuq hekk niżel il-Ġurdan u tbaħbaħ seba' darbiet: u, ħwejjeġ tal-għaġeb kif ġismu ssaffa bħal ġisem ta' tarbija, u fieq għal kollox! U raġa' lura għand il-Profeta, u qallu: "Ngħid is-sewwa, u nistqarr li ma hemmx Alla ieħor għajr ta' Israel. Jiena issa nitolbok tilqa' li ġieblek il-qaddej tiegħek". Iżda, Eliżew li kien telaq l'ommu u 'l missieru u l-ġid kbir li kellu biex isir qaddej ta' Elija, minnu fih wieġbu: "Fl-Isem t'Alla, ma rrid xejn minn għandek. Mur bis-sliema."

U Naaman sellem bil-qima lill-profeta u staqsieh kif għandu jġib ruħu meta jeħtieġlu quddiem is-Sultan; dan qallu jgħabbi żewġ bgħula bil-ħamrija minn dik l-art biex meta jasal f'pajjiżu jferrixha u fuqha jtalla' artal lil Alla ta' Israel; tbiegħed Naaman ferħan minn dik il-belt u ħafif biex jidher quddiem is-sultan tiegħu mfejjaq mill-ġdiem.

7. *Eliżew u Ġieżi.*

X'ħin, iżda, Naaman u n-nies tiegħu tbiegħdu mill-belt, Ġieżi, il-qaddej ta' Eliżew, raħa bi kbira wisq li sidu ma ħa xejn ta' idejh għalli għamel ma' Naaman; u telaq jiġri għal urajh: jgħidlek, kollu wieħed xi ħaġa tmissni. Meta Naaman lemaħ ir-raġel jiġri, waqqaf, niżel miż-żiemel, mar jilqgħu: "Kollox sew, hux?" staqsieh: "Ma nqala' xejn mill-ġdid?" Ġieżi geżwirlu li bagħtu sidu l-Profeta jgħidlu illi żewġ żgħażagħ kienu niżlu dak il-ħin mill-għolja ta' Efajm u xtaq jitolbu wqija tal-fidda għalihom u żewġ tibdiliet ħwejjeġ. U Naaman ġiegħlu jieħu għal waħda, tnejn u żewġ tibdiliet; u Ġieżi mar bilġri jaħbi dan il-ġid kollu id-dar, u mbagħad deher quddiem sidu. Eliżew staqsieh: "Jaqaw, int fejn mortli?" Wieġbu l-qaddej:

"Jien...... ? imkien !" U Eliżew liemu u qallu: "Bħallikieku ruħi ma kinitx miegħek x'ħin Naaman niżel l-art biex jilqgħek ? !" Iss'int ħadt minn għandu l-flejjes u t-tibdiliet tal-ħwejjeġ li telaqlek f'idejk u inti għandek fehma li tixtri bihom oqsma taż-żebbuġ u dwieli, u ngħaġ u baqar. Imma l-ġdiem ta' Naaman sejjer jeħel miegħek u mal-ġid tiegħek għal dejjem. U Ġieżi tbiegħed minn dar Eliżew mimli bi ġdiem mill-eqqel.

8. *Eliżew fil-Belt ta' Dotajn.*

Is-Sultan tas-Sorija ried imur jeħodha ma' Israeli. U ħabat jonsobu. Imma, Eliżew bagħat jgħarraf lid-dan lis-Sultan ta' Israel biex ikun jista' jilqagħlu u jeħles mit-tiġrib. U bagħat jgħidlu aktar minn darba u tnejn. Fl-aħħar, is-Sultan tas-Sorija, meta ra li ta' kull darba t-taħbit tiegħu jisfalu fix-xejn, twebbel li xi ħadd min-nies tiegħu kien qed jilagħbu. Iżda, ta' ma' dwaru qalulu: "Lè, ja sultan tagħna, int twajjeb wisq u ma tarax li dan il-għawġ ġej minn Eliżew il-Profeta li jħebbaħ lil Israeli b'kull ma għandek fehma tagħmel. Kun af, li dan Eliżew jinsab f'Dotajn. U s-Sultan bagħat iż-żwiemel bin-nies tiegħu biex idawru dik il-belt u jaħtfuh minn hemm.

U l-qaddej ta' Eliżew dak inhar bakkar u ħareġ mid-dar jgħarrex l'isfel, u fil-bgħid lemaħ qtajja' ta' nies għedewwa, u mwerwer qal lil-Profeta x'kien ra; imma Eliżew wieġbu minnufih: "La tibżax, għax in-nies li jżommu magħna huma wisq akbar mill-għedewwa". U fetaħ għajnejn il-qaddej tiegħu u dan lemaħ l-għolja miżgħuda bi żwiemel tan-nar u l-Anġli t'Alla jittajjru ma' dwar il-Profeta. U l-għedewwa resqin dejjem għoddhom waslu għal fuqhom; imma Eliżew talab l-għajnuna tal-Mulej, u l-Mulej għamiehom. Il-Profeta mar fuqhom u qallhom: "Ħadtu triq b'oħra; imxu miegħi u jien inwassalkom fejn issibu lil min qegħdin tfittxu". U mexxiehom u ħadhom qrib Samarija. U x'ħin daħlu l-belt, talab l'Alla, u ż-żlieġa waqgħet minn għajnejhom u dawk sabu ruħhom f'nofs il-belt ta' Samarija. Is-Sultan ried joqtolhom; iżda Eliżew qallu: "Lè, ma waqgħux taħt idejk bis-sejf: m'għandek ebda jedd fuqhom; tihom jieklu u jixorbu bixxaba'; u dawk kielu u xorbu, u telquhom imorru għand sidhom. U qatt aktar il-ħallelin tas-Sorija ma dehru fl-artijiet ta' Israeli.

9. *Mewt ta' Eliżew.*

Eliżew marad bil-marda li biha miet. U Gioas, sultan ta' Israel, mar għandu jibki u jolfoq, u qal: "Missier, missier tiegħi, aqwa min-nies kollha tiegħi, u l-mexxej ta' Israeli" ! U Eliżew wieġeb lis-sultan: "Newwilli qaws u qatta vleġeġ". U x'ħin ġibhomlu, ġagħlu jiftaħ beraħ it-tieqa tal-għorfa li tagħti għan-naħa tal-Ġurdan, u riedu jqiegħed idu fuq il-qaws. U wara li s-sultan qiegħed idu hekk, Eliżew qiegħed idejh fuq idejn is-sultan, u qallu: "Iġbed vleġġa". U s-sultan ġibed il-vleġġa. U issa l-Profeta qallu: "Vleġġa li teħles Israeli mill-jasar tas-Sorija: int sejjer tagħleb in-nies tas-Sorija u teqridhom".

U Eliżew tennielu: "Aqbad il-qatta; u ibqa' iġbed minnhom għall-art." U ġibed, waħda wara l-oħra tliet vleġeġ, u waqaf. Fuq hekk, dak ir-ruħ tajba, qallu: "Kieku int ġbidt sitta jew seba' darbiet bil-vleġeġ, daqshekk ieħor drabi kont

taħkem is-Sorija, imqar sa teqridha għal kollox. Imma għal tliet darbiet biss inti tirbaħha."

U Elizew miet u difnuh. U ħabtet dik is-sena li xi Moabiti daħlu f'Israeli; u xi wħud li kienu qegħdin jidfnu mejjet, rawhom resqin 'l hinn; u fis-siegħa u l-ħin, waddbu bilġri l-ġisem ta' dak il-mejjet fil-qabar ta' Eliżew; u dak ir-raġel qam mill-imwiet u waqaf fuq riġlejh.

U Gioas, is-sultan, raġa' ħakem l-ibliet li s-sultan tas-Sorija kien ħa minn taħt idejn Israeli; u tliet darbiet Gioas ħabat għalih u rebħu, u ħtieġlu jroddlu dawk l-ibliet kollha ta' Israeli.

### 10. *Ġjona f'Mewġ il-Baħar*

Żmien Amatija, sultan tal-Lhudija, waqt li Eliżew kien iħabbar li għandu jiġri fost Israeli, Alla samma' leħnu lil Ġjona, u qallu: "Itlaq u mur Niniveh, dik il-belt il-kbira, u wissihom lil dawk in-nies fuq il-ħażen ta' ħajjithom." U Ġjona bilġri telaq, iżda bil-fehma li jaħrab minn wiċċ Alla u jibqa' sejjer Tarxix; u wasal Ġjoppa, belt mill-eqdem minn tal-Lhudija, u hemm sab xini bil-qlugħ lejn Tarxix, u ħallas sehmu u telaq ma' l-oħrajn. Iżda l-Mulej qajjem l-irjieħ fuq il-baħar u qam il-mewġ, u r-rwiefen bdew ivenvnu, u x-xini kien għoddu tfarrak. U l-baħrin beżgħu mill-għarqa u qabdu jitolbu 'l allat tagħhom, u xeħtu t-tagħbija il-baħar biex iħeffu x-xini. U Ġjona niżel f'qiegħ ix-xini, u kien rieqed, u r-rgħajjes resaq fuqu jqajmu, u ħadha miegħu u għajru għażżien u riedu jitlob 'l Alla tiegħu li jeħlishom mill-għarqa. U għamlu x-xorti bil-fehma li jaraw min jaħti għal dan it-tigrif; u x-xorti waqgħet fuq Ġjona. Fuq hekk aktar ħaduha miegħu u riedu jafu minejn ġej, u x'sengħa kellu, u għaliex dan il-għawġ waqa' fuqhom. U Ġjona weġibhom li hu jaħti għal dak il-għawġ, għax hu ried jaħrab minn quddiem wiċċ Alla tiegħu; u mbagħad staqsewh x'jaqbdu jagħmlu bih, u qalilhom jixħtuh il-baħar biex il-mewġ jibnazza.

U l-baħrin qabdu jaqdfu għall-art, imma ma setgħu jagħmlu xejn mal-qawwa tal-mewġ, u x-xini tiela' u nieżel u l-baħar jogħla dejjem aktar. U l-baħrin bdew jgħajtu: "Mulej, aħfrilna jekk sejrin nerfgħu idejna fuq dal-bniedem li ma neħlux aħna mħabba fih!" u qabdu 'l Ġjona u waddbuh il-baħar; u l-baħar ibbnazza dik is-siegħa.

U Alla bagħat ħuta kbira li belgħetu lil Ġjona. U Ġjona għax ġewwa l-ħuta tlitt ijiem u tlitt iljieli, u talab 'l Alla f'dak il-qabar, u talbu jaħfirlu u jħenn għalih. U mat-tielet jum, Alla amar lill-ħuta li targa' titfgħu l-art.

### 11. *Ġjona f'Niniveh.*

Kelmet Alla reġgħet waslet f'widnejn Ġjona u biha tennielu: "Mur Niniveh dik il-belt il-kbira, u semmagħhom li ngħidlek". U Ġjona qam u telaq lejn Niniveh; u kif qabad dieħel f'dik il-belt mibnija minn Nemrud, beda jheddidhom b'dawn il-kelmet ta' Alla: "Erbgħin jum ieħor, u Niniveh tiġġarraf!" U n-nies ta' dik il-belt emmnu b'Alla, u kbar u żgħar xteħtu fuq il-ħsajjar jitolbu u jsumu. U s-Sultan ta' dik il-belt sema' bit-theddida tal-Profeta u xogħof, niżżel rasu u warrab ħweiġu ta' sultan biex jilbes ix-xoqqa u jinxteħet fuq l-irmied. U qata' li hu u l-kbarat u kulħadd isum mill-akbar sal-iżgħar

fosthom, nies u bhejjem; u l-gniedes u l-merħliet ma jitimgħuhomx u anqas jisquhom; u amar li kulħadd jitlob 'l Alla u jisgħobbih minn dnubietu u drawwietu l-ħżiena, għaliex, qalilhom: "Min jista' jaf jekk Alla ma tgħaddilux din id-dagħadigħa u jaħfrilna".

U x'ħin Alla rahom sogħbenin, stqarru dnubiethom u biddlu ħajjithom, ħenn għalihom, ħafrilhom, u xejn ma għamel milli heddidhom.

U Ġjona ħawwad rasu u ħadha bi kbira wisq meta għaddew l-erbgħin jum u għaraf li Alla kien ħenn għal dawk il-midimbin meta ra li xejn ma ġralhom milli heddidhom, għax jgħidlek ħadd issa aktar ma jemmnu. U Ġjona fetaħ qalbu ma' Alla, u qallu: "Mhux ta' b'xejn bżajt jien meta ħrabtlek u tlaqt lejn Tarxix, għaliex nafek kemm inti Alla tal-ħniena u stajt nobsor li inti bħal xejn tmur taħfrilhom u jiġrili li ġrali. Iddew, Mulejja, ħudli ruħi, għaliex aktar jaħbatli mmut jew nibqa' f'din il-ħajja". U Ġjona ħareġ mill-belt u mar dabbar rasu u jistkenn taħt ġerna b'erba' ġebliet, mill-bieb 'il barra n-naħa ta' nofs inhar. U mal-lejl Alla nebbitlu liedna, u din kibret u x-xebilket, u għattietlu il-ġerna biex tilqagħlu x-xemx, u Ġjona ma feraħx bi ftit b'dellha. L-għada, iżda, Alla bagħat nitfa ta' ħanex igerrem għerq il-liedna, u l-liedna dbielet u nixfet. U meta reġgħet telgħet ix-xemx, isshana ħaditlu moħħu lil Ġjona, u waqgħet ħedla qawwija fuqu, u ddejjaq għall-mewt u talab lill-Mulej jiġbru miegħu.

Fuq hekk, Alla liemu u qallu: "Iss'int jidhirlek għandek għalfejn tgemgem? Daqs kemm ħadttha bi kbira illi dil-liedna li għaliha inti xejn ma tħabatt, u din nibtet, u ġiebet ruħha f'lejl, u f'lejl nixfet, ridtnix jewwilla neqred din il-belt bil-mija u għoxrin elf ruħ tagħha li anqas jagħrfu l-lemin mix-xellug?".

A.M.G.

## BIEX ISEWWIHA, GĦARRAQHA IŻJED

Dun Pawl ta' Ħaż-Żabbar u Dun Piet ta' Ħal-Lija nzertaw sabu ruħhom f'tieġ gwapp ir-Rabat. Bejn grokk u ieħor dawn iż-żewġ qassisin, biex jgħidu xi ħaġa, bdew iħarsu lejn il-mistednin l-oħra u jagħmlu xi kritika, u għajnejn Dun Piet waqgħu fuq żewġ nisa li kienu bil-qiegħda biswithom. Hawn Dun Piet qal lil Dun Pawl:

— Pawl, qallu, qiegħed tara dik il-mara ta' quddiemna, sewwa sew ta' ħdejn it-tieqa, kemm hi kerha u kemm hi liebsa ta' ridikola?

— Liema, qallu l-ieħor, dik li għandha mrewħa f'idejha?

— Iva, qallu.

— Dik hi oħti l-kbira.

— Le, qiegħed ngħid għal dik ta' ħdejha, li qiegħda titkellem magħha.

— Dik? Dik oħti ta' warajha — mara għaqlija u ta' darha ħafna.

Wieħed jista' jaħseb kif baqa' u kif infixel Dun Piet!

# IL-BILBLA FIL-HSIEB FRANĠISKAN

Fil-Ktieb li jismu "Speculum Perfectionis," li kien ġie miktub minn xi wħud li kienu sħab San Franġisk t'Assisi u li miegħu kienu għexu sa mewtu, hemm miktub: "Il-Patri Franġisku, f'ruħu u f'ġismu mitluf dejjem fl-imħabba t'Alla, mhux biss fih innifsu mogħni bl-ogħla virtù kien jara t-tjieba t'Alla, imma wkoll hu kien donnu jmissha b'idejh f'kull ħlejqa oħra. Għalhekk kellu mħabba u ġibda barranija għal dawk il-ħlejjaq, l-iżjed lejn dawk li fihom kien jilmaħ xi ħaġa li l-aktar turi 'l Alla jew lir-Reliġjon tiegħu. Mogħni minn din il-virtù ta' mħabba għal kull ħlejqa t'Alla, fost it-tjur u l-għasafar li ħalaq il-Mulej kien l-aktar iħobb il-BILBLA, u li, minħabba t-toppu li għandha fuq rasha kien iħobb isemmiha "l-għasfur tal-Kapoċċ f'rasu". Hu kien jgħid: "Oħtna l-BILBLA għandha l-kapoċċ f'rasha bħalna r-reliġjużi, u hi tassew għasfur umli, għax timraħ bil-qalb mat-triqat biex tlaqqat xi żerriegħa jew xi qamħa; jekk issib minn dan f'xi miżbla, ma titqażżiżx, tnaqqru u tieklu. Waqt li tittajjar, togħla u tfaħħar lil Sidha, il-Mulej, kif jagħmlu r-reliġjużi twajbin li moħħom u dehnhom hu dejjem fis-sema, u ħsiebhom biss ifaħħru 'l Alla. Ilbiesha, jew rixha, hu lewn l-art, u b'hekk tfakkar u turi lir-reliġjużi li m'għandhomx ikollhom ilbies għani u mlewwen, imma lbies fqajjar u mil-lewn l-art, li din hi l-aktar baxxa fost il-ħolqien". Għal dan San Franġisk kien wisq jitpaxxa jħares lejn il-BILBLA.

Iżjed. Il-Kittieba jgħidulna li fis-simpliċità tiegħu San Franġisk kien jgħid: "Li kieku kelli nkellem lill-Imperatur, kont kieku nitolbu sabiex għall-imħabba t'Alla u tiegħi jagħti amar li ħadd ma jista' jaqbad jew joqtol lil HUTNA L-BLIEBEL, jew li jagħmlilhom xi deni ieħor". Oh simpliċità ta' Missierna San Franġisk, li kien jaħseb li l-Imperatur sa jagħmel liġi mqanqal mill-imħabba t'Alla! Iżda dan għall-inqas jurina kemm San Franġisk kien tassew iħobb il-BILBLA.

U tabilħaqq, fost it-tjur kollha, il-BILBLA tistħoqq l-aqwa qima u mħabba tagħna, għax mhux biss tpaxxina bl-għana ħelu tagħha, imma wkoll għax, nistgħu ngħidu, li ma tagħmlilniex ħlief ġid biss. Taħdem bejtetha bl-akbar sengħa, tbid u tfaqqas l'uliedha u żżoqqhom bl-akbar imħabba b'dud, b'weraq torjin ta' ħxejjex; b'bajd tan-nemel u ta' ġurati, li kollha jagħmlu ħażin għar-raba'; u meta tikber tlaqqat ukoll żrieragħ, imma li huma ta' ħxejjex li l-bdiewa ma jridux imħalltin ma' dawk li huma jkunu żergħu; xi drabi ddur ukoll għal xi qamħa, imma dan ikun darba fil u bħala, biex ngħid hekk, ħaġa barra middrawwa.

Il-BILBLA hi mbagħad għasfur għannej għal l-aħħar. Meta l-għannej tal-ljieli sabfin tagħna, l-usinjol maż-żerniq ta' kull għodwa jitfi l-ħelu leħnu, il-BILBLA, qabel kull tajr ieħor, malli sewwa sew iżernaq il-jum u qabel ma x-xemx tibda ddawwal id-dinja min-naħa tax-xerq, issamma' leħenha li jfarraġ il-bnedmin u bl-għanjiet ħelwin tagħha tfaħħar b'imħabba lil Dak li ħalaqha. Iżda, dak li hu għaġeb f'oħtna l-BILBLA, hu dak, li meta tgħanni donnha tistkerraħ din l-art u għalhekk tibda tintrefa', qisha mxengla 'lhawn u l' hemm, togħla donnha mqabbża 'l fuq 'l fuq, lejn is-sema, bla hedu ssamma' l-għana tagħha, għall-ewwel b'leħen dgħajjef u maqtugħ; imbagħad, aktar ma titbiegħed mill-art, aktar leħenha jitqawwa u mingħajr xejn ma jehda, donnu biex jgħallimna li biss meta aħna qrib is-sema nistgħu nfaħħru kif jisthoq lil Alla. U meta hi mwassla hekk 'l fuq li b'għannejna iżjed ma tidhirx, hemm donnha tieqaf għal xi ħin u, f'dak id-dawl tax-xemx tielgħa mix-xerq, imbiegħda kemm jista' jkun mill-ħwejjeġ imsejkna ta' l-art, turi l-ferħ u l-hena tagħha, tgħanni xxandar ġieh il-Mulej, waqt, li donnha wkoll, tistieden lill-bnedmin biex jagħmlu bħalha, billi jerfgħu qalbhom lejn dak Alla li ħalaqhom u mliehom b'kull ġid. Tinżel, imbagħad, ħelu, ħelu, lejn l-art, donnha mdejqa li titbiegħed mis-sema.

U hu ħelu mhux ftit l-għana tal-BILBLA, għax taf tagħmel ħafna leħnijiet li m'humiex bħal xulxin; imbagħad, barra minn dak li hu komuni ta' l-istess ġens, il-Bilbla, anzi kull Bilbla taf tagħti xejra ta' leħen, biex ngħid hekk, tagħha nfisha u tasal b'ħeffa kbira biex tgħanni l-għana ta' għasafar oħra, l-iktar ta' l-usinjol, li wisq drabi ma jingħarafx minnu. Għalhekk, il-bniedem jitpaxxa biha mhux ftit; meta tinqabad u tinżamm f'xi qafas: hi ma tagħmilx f'qalbha, u tidra malajr l-egħluq, u tidra hekk li tasal tnaqqar l-ikel minn idejn il-bniedem. F'dan il-każ jinħtieġ imma li wieħed iżommha 'l bogħod kemm jista' jkun mill-usinjol, għax jekk hi qribu tibda tgħanni bħalu, tidħol f'pika miegħu u tfittex li tgħaddih fil-għana; jekk ma titwarrabx 'il bogħod minnu, taqsam qalbha u tmut ħesrem.

In-nies tal-qedem kienu jifhmu li l-BILBLA hi għasfur ta' ħniena kbira u tjubija, u kienu jgħidu li hi "seba' darbiet kull jum titgħolla lejn is-sema biex tfaħħar u tbierek lill-Mulej-Ħallieq ta' kollox; bħalma sewwa sew is-sultan u profeta David, li għal seba' darbiet ta' kull jum kien jgħanni b'tifħir l'Alla. Jekk dan mhux tassew (u tassew mhux) imma, ħaġa li toqogħdilha ferm lill-BILBLA.

Għasfur hekk sabiħ u ħelu hu meħtieġ u jiswa ħafna għall-ġid tal-bniedem. Il-Bilbla ma taf tagħmel ebda deni, u għalhekk għandha tkun meqjuma minn kulħadd, għall-inqas meta hi ħajja. Iżda l-bniedem wisq drabi hu ta' qalb xierfa u, meta jaqbillu, jinsa bil-ħeffa kollha l-ġid li hu jieħu. U l-BILBLA, min-naħa l-oħra, fost l-għotjiet tajba għandha, għandha dik il-ħtija, għal xi wħud kbira u li ma tinħafirx: li hi twajba wisq twajba, saħansitra f'laħamha, li hu ħafna bnin; u l-bniedem li ma jħobbx ħlief lilu nnifsu u żaqqieq, joqtolha biex jekolha.

U jfittxuha u jgħassulha biex jaqbduha taħt idejhom, għax hi bħima li, imħabba s-simpliċita' tagħha, malajr tinqabad. U msejkna, tinqabad jew bl-ixkubetta li toqtolha, sew bix-xibka li żżommha fiha u saħansitra b'xi mera li jqarraq biha. Twissija siewja għal dawk ix-xbejbiet li jħobbu joqogħdu wisq quddiem il-mera.

Il-BILBLA tqum wisq kmieni, u għalhekk torqod kmieni wkoll: wara l-għabiex ma tidhirx u ma ssibha mkien. Biss darba waħda, il-Bliebel t'Assisi kisru din drawwethom, u dan kien meta ħabibhom San Franġisk ħalla għal dejjem din l-art biex imur is-sema.

Kien miet San Franġisk fil-għaxija tat-3 ta' Ottubru, wara għib ix-xemx u kien beda jidlam. Jgħidilna San Bonaventura u nsibuh miktub ukoll fil-ktieb "Lo specchio di perfezione" li "il-Bliebel, għasafar li jħobbu d-dawl u jistmerru d-dlamijiet talgħabiex, meta l-Qaddis Fqajjar t'Assisi ħarġet ruħu minn ġismu waqt li kienet niżlet ix-xemx, ġew bi qtajjiet kbar madwar iċ-ċella tiegħu ferreħin jgħannu għana ħelu, li bih taw xhieda tal-glorja kbira li fiha tgħolla dak li kien imdorri jistedinhom biex jgħannu biex ifaħħru l'Alla.

Il-bnedmin, aktarx miġbudin iżżejjed bl-imħabba tagħhom infushom, kienu mbikkija għall-mewt ta' San Franġisk, għax kienu jħossu aktar għat-telfa tiegħu minn fosthom milli għall-glorja li fiha kien imtella'. Il-BLIEBEL, għal kuntrarju, sempliċi u ġenwieni, mingħajr ma nsew il-ħbiberija li dejjem kien jurihom f'ħajtu, insew lilhom infushom, biex jifirħu u jagħmlu għors għall-glorja u l-hena tal-ħabib u benefattur tagħhom.

P.L.M.

## DINJA TONDA U KWADRA!

Wieħed surmast fisser lit-tfal ta' l-iskola li d-dinja hija ta' għamla tonda, u biex jagħtihom eżempju wriehom it-tabakkiera tiegħu li kienet tonda. L-għada, biex jara jekk dawk it-tfal baqgħux jiftakru fil-lezzjoni, staqsa lil Toninu: "Toninu, x'għamla għandha d-dinja?"

Toninu lemaħ it-tabakkiera tas-surmast, li kienet oħra kwadra, u dlonk wieġbu:— Sir, id-dinja daqqa tonda u daqqa kwadra.

### *IL-FLUS MHUX KOLLOX*

Il-Missier: Ibni ftakar li fid-dinja mhux il-flus kollox, imma hemm ħwejjeġ li huma wisq aħjar mill-flus.

L-Iben: Iva, papà, imma kun af: dawk il-ħwejjeġ bil-flus jinxtraw.

* *
*

### *GĦID IS-SEWWA*

Wieħed avukat ġie msejjaħ f'kawża bħala xhud.

Il-Maġistrat bl-aħjar imġieba qallu: Sur avukat, għall-mument wieħed insa l-professjoni tiegħek, u għid nitolbok IS-SEWWA . . . .

# AHBARIJIET TA' L-ART IMQADDSA

## AMMINISTRATUR APOSTOLIKU ĠDID

L-ġurnal *Osservatore Romano* tal-Vatikan, fil-15 ta' Awissu li għadda, ta l-aħbar, li kienet jum qabel imxandra mir-Radju Vatikana, li l-W.R.P. BONAVENTURA AKIKI, O.F.M., ġie maħtur u mibgħut Amministratur Appostoliku tal-Vigarjat Appostoliku ta' Aleppu, fis-Sirja.

P. Bonaventura Akiki kien ġa Vigarju Delegat f'Aleppu waqt li kien ukoll Kappillan ta' dik il-parroċċa importanti ħafna. Iżda, ftit wara kien ġie maħtur Diskret tal-Kustodja ta' l-Art Imqaddsa għall-ilsien orjentali u Kappillan ta' Ġerusalemm.



*Ir-Rev.mu P. Bonaventura Akiki Delegat Appostoliku tas-Sorija*

Din il-kariga għolja lil P. Bonaventura ġiet fuqu f'ħinijiet tassew għaqquxin u ta' tfixkilijiet kbar. Hu, li hu ħabibna tal-qalb, jilqa' żgur ix-Xewqat tagħna li nagħmlulu b' "Leħen l-Art Imqaddsa" għal kull ġid u għal appostolat mill-aktar għammieli, fil-waqt li ngħidulu "AD MAIORA".

## IL-ĦALLELIN INQABDU

Fl-aħħar għadd ta' "Leħen l-Art Imqaddsa" konna ħabbarna s-serq sagrilegu li kien sar minn xi ħallelin, li kienu baqgħu ma nqabdux, ill-Madonna Addolorata tal-Kalvarju. Ninsabu issa ferħanin li nistgħu nxandru, li d-deheb misruq instab u li l-ħallelin, li kienu tliet ġuvintur iżraeljani minn Tel-Aviv, huma taħt idejn il-pulizija ta' Iżrael.

## RIED SINAGOGA ĦDEJN IL-MOSKIJA TA' OMAR

Fit-12 t'Awissu li għadda, li kien jum is-Sibt, u għalhekk, jum ta' btala u festa għal-Lhud, il-Kappillan Ġenerali tal-eżerċtu ta' Iżrael, fettillu jmur jitlob ħdejn il-Moskija ta' Omar, li tiġi fuq il-misraħ tat-Tempju antik ta' Ġerusalemm. Shlomo Goren (hekk jismu l-kappillan Ġenerali) xtaq jew ried lil-Lhud l-oħra jagħmlu bħalu, jitolbu hemmhekk, u jgħinuh biex 'il quddiem jibnu Sinagoga (knisja tal-Lhud). Kulħadd stagħġeb imma b'din il-ħlieqa, u wkoll il-Lhud infushom rawha bi kbira, hekk, li l-istess Rabbin Shlomo nnifsu kellu jfisser ruħu kemm jista' bl-għaqal ma' l-awtoritajiet.

L-affari, m'għandniex xi ngħidu, hi ta' tiġrif għall-paċi: tista' toħloq tgergir u għadab fost il-Misilmin u xi mbarazzi aktar koroh. Ġejna nafu iżda li, xi jum wara, il-gvern ġagħal lir-Rabbin Goren iwaqqa' l-proġett tiegħu u, fl-istess waqt, ħoloq kumitat interministerjali għall-ħarsien ta' l-Imkejjen Imqaddsa.

## IL-PRESIDENT TA' IŻRAEL MILQUGĦ FIL-BAŻILKA TA' NAZZARET

Il-President ta' l-istat ta' Iżrael, l-Eċċellenza Tiegħu ZALMAN SHAZAR, fil-21 t'Awissu li għadda, ġie milqugħ uffiċjalment u f'għamla l-aktar sollenni fil-Bieb tal-Bażilka tas-SS.ma. Annunzjata mis-Superjur u l-Kommunità tal-Kunvent Franġiskan fl-okkażjoni ta' l-EWWEL ŻJARA TIEGĦU f'dik il-Belt, li tagħha ġie magħmul "Ċittadin Onorarju ta' Nazzaret".

Hawn fir-ritratt jidher fost il-patrijiet, bil-kappell abjad f'idu miexi għall-Bażilka. Hu niżżel ismu fir-Reġistru tal-Visitaturi illustri.

# Għax għandna nissieħbu f'din ir-Rivista "LEĦEN L-ART IMQADDSA"

L-għan ta' din ir Rivista "Leħen l-Art Imqaddsa" mhux ħaġ'oħra ħlief tagħlim bit-tagħrif li nagħtu fuq l-Imkejjen Imqaddsa, li huma monumenti ħajja li jixhdulna dak li għamel Ġesù ma' tul ħajtu għall-fidwa tagħna fil-Palestina. Għalhekk, id-dawl tar-ruħ li nieħdu mill-qari tagħha jqanqalna sabiex ninxtelu bl-imħabba għal Ġesù u ninġibdu dejjem iżjed lejh u naslu nimitaw xi ftit iżjed dak li Huwa ġarrab sabiex jifdina.

Jekk mis-sħubija tagħkom jibqa' xi qliegħ żgħir, dan imur mhux għalina, imma biss għal-"Opra Pija", u l-imseħbin u dawk kollha li b'xi mod jgħinuha jidħlu f'sehem minn dak il-ġid kollu tar-ruħ li jsir fil-Missjoni kbira tal-Kustodja tat-Terra Santa, ngħidu aħna mill-opri kollha meritorji li jsiru fil-Palestina: mill-quddies li jsir fis-Santwarji, mit-talb, sawm, tgħakkis meritorju u għamil ieħor, mhux biss isiru mill-Missjunarji, imma wkoll minn dawk kollha li jmorru hemm biex jagħtu qima lill-Ġesù. Hekk qatgħuha l-Papiet minn Piju VI il-quddiem sal-Papa tal-lum, Pawlu VI.

# REQUIESCANT IN PACE

*Nixtiequ li l-imseħbin tagħna jitolbu għar-ruħ għażiża ta' dawn li ġejjin, li telqu minn din id-dinja qabilna, u li nieshom jixtiquna niftakru fihom fit-talb tagħna.*

VALLETTA: Konċetta Mintoff, Omm Patri Dionisju Mintoff. Rafel Arnaud. Karmela Borg. Karmela u Ġużeppi Arnaud. Ġużeppi Galea. Manwel Fenech. Edgar Cesario. Alfonzo Sciberras. Ċensu u Pawlu Schembri. Ġovanna Balzan. Olga Mifsud u Anna Mifsud Ellul. Marija Tereża Fenech. Pawlu Fenech. Gio Maria Camilleri. Giona u Duminku Mifsud. Spiridione, Karmelina u Suor Karmelina Paris. Salvu u Pawlu Cordina. Ġovanni Mifsud. Mary u Karmelina Mifsud. Pawlina u Karmelina Sultana. Maria Attard. Ġużeppa Mifsud. George, Domenico u Olga Mifsud, Ġuża u Mejtin Caruana. Francesco Bugeja. Raffaela Zammit. Bersabea Cachia. Ġużeppi u Margerita Vella. Konċetta Debattista. Margerita Stella Hawwek. Anjeże Axisa. Harry u Paul Frendo Azzopardi. Ergardo, Raffaele u Elena Frendo.

BIRKIRKARA: Salvu Duca. Ġużeppi Abela. Lazzru Mallia. Tonina Ciappara. Suor Benigna. Salvu Gauci. Karmnu Micallef. Ġużeppi Falzon. Bertu u Marija Sammut. Ġovanna u Anna Briffa. Tereża Bonnici. Franġisku u Anġla Grima. Filomena Bonnici. Mosè, Karmela, Franġisku u Rożina Zarb. Mikiel u Pawla Fenech. Bertu Gauci. Fran'ġisku Borg. Berta Borg. Grazia Gauci u Erwieħ Minsija. Franġisku Farrugia. Karmela Abela. Ġużeppi u Gejtu Camilleri. Kostantinu Attard. Franġiska Sammut. Margerita u Ġanni Cassar. Ġużeppi Michelina. Alfonzo Gatt.

MĠARR: Ċensu, Filomena, Ġużeppi, Natalina Stivala. Ċensu Grima. Erwieħ Minsijin. Katarina Buhagiar. Alice Muscat. Pawlu Grima. Marjanna Cordina. Ġużeppa Grixti. Annunzjata Pulis. Konċetta Parnis.

MARSA: Ċensu, Margerita, Edwardu, Ġużeppi, Carmelo u Saverina Gatt. Ġużeppi Xerri. Emilja u Anġlu Debono. Ġanni u Rożarja Vella. Joseph Baldacchino. Jolanda Attard. Ġużeppi u Konċetta Baldacchino. Ġużeppi u Konċetta Pulicino. Ġużeppi Micallef. Margerita Micallef. Karmnu Micallef. Rafel, Pawlu u Manwel Brincat. Reġina Cini. Pawlu Cini. Mikiel Cassar. Jane Muscat. Margerita u Karmni Paris. Ġużeppa Katarina, Manwela u Ġużeppa Agius.

HAMRUN: Marija u Pawlu Muscat. Ġużeppi Coleiro. Ġovanna u Manwela Magro. Beatrice, Ġużeppa, Alice u Evelina Buhagiar. Ġuditta, Rożarja u Luċija Borg. Ġużeppi, Valentina, Marjanna, Luċija u Marylene Sammut. Voleiro, Suni, Doris, Assuero, Remiġ u Agostino Muscat.

SAN PAWL IL-BAHAR: Klementina u Franġisku Xuereb. Ġakbu u Margerita Taylor. Manswetu u Filippu Cassar. Ġuditta, Rebekka, Ruth u Filomena D'Emanuele. Katarina, Alessio. Karmnu u Katarina Borg Cardona.

SAFI: Ċensu u Karmni Zerafa. Marija u Anna Mifsud. Marija Meli Ċensu, Paċifiku u Anġlu Zerafa. Marija Cutajar. Mikelina Vella. Ġanni Vella. Martinu Cutajar. Karmela u Anna Spiteri.

BIRŻEBBUĠA: Salvinu, Ġanni u Lawrenz Grixti. Salvinu Camilleri. Ċensu u Tereża Abela. Ġużeppi Navarra. Serafina u Kerubina Mifsud. Anġelika u Bernardetta Coleiro. Mansweta u Bonaventura Baldacchino. Bernardino u Guido Vella. Filomena u Katarina Vella.

MELLIEĦA: Pawla, Manwela u Karmela Borg. Kristinu u Marija Sant. Pawla u Rosy Xuereb. Dora Bartolo. Mary Mifsud. Salvu Mifsud. Tonina Fenech. Valentina u Rebekka Salvadori. Ġużeppi Axiak. Manwel Cassar.

MOSTA: Ruħ Minsija. Marija, Polly, Franġisku u Ġovanna Deguara. Santu u Karmela Buhagiar. Karmnu Pisani. Anna Pisani. Karmnu Vella. Margerita Vella. Filippo Magro. Gianmaria Mifsud. Margerita Xiberras. Ġużeppina Magro. Serafina, Mansweta, Dolor, Ivan, Filippu u Ġovanna Serafini.

KIRKOP: Ġanni Grech. Ġużeppa u Mikiel Dimech. Pasqualino, Marjanna u Manwela Cordina. Ruth Magro. Agostinu, Akkursju u Remiġju Cortis. Spiridione u Ġanni Magro.

MQABBA: Karmnu Barbara. Pawlu Borg. Baldassare u Assweru Felice. Vestra Gauci. Tereża Gatt. Grazia Zammit. Tonina Zerafa. Karmnu Zerafa.

SLIEMA (Stella Maris): Manwel, Ġorġ, Ġanni, Pawlinu, Ineż u Turu Vella. Ġużeppi Baldacchino. Manwela u Filomena Clarke. Ġużeppina u Valentina Kirkop. Arimatea u Ineż Baldacchino. Ġużeppina u Assweru Vella.

GĦAXAQ: Adrijana, Lawrenz, Alessandru u Marija Agius. Mikiel, Salvu u Karmnu Zammit. Filippu, Ġużeppina, Katarina, Salvina u Filomena Magro. Ġużeppina, Manwela u Marija Cutajar. Konċetta Mintoff. Alessandru u Eġidju Mallia.

SENGLEA: Margerita Rizzo. Kalċidon Fava. Ġużeppi u Karmela Grech. Ġużeppi u Karmela Bugeja. Karmela u Karmelo Gatt. Mikiel Gatt. Tereża Xuereb. Nestu Xuereb. Franġisku Facciol. Ġużeppi Cauchi.

## GĦAWDEX

QALA: Grazja Cremona. Marija u Franġisku Attard. Anġla u Salvu Grima. Ġanna u Toni Vella. Tereża u Ġużeppi Sultana. Dun Ġużepp Vella. Tereża, Anġlu, Pawlu, Karmelo, Karmela, Ġanni, Tonina, Ġuditta, Marija u Ġużeppi Xerri. Karmela Mizzi. Kaptan Galea. Roża, Franġisku, Gerita, Ġużeppi u Kelinu Falzon. Marija Anna Portelli. Marija Mizzi. Anġla Portelli. Ġanni Portelli. Ġanni, Marija, Anġlu u Karmela Portelli. Ġeswalda, Salvu u Ġużeppi Camilleri. Dun C. Camilleri. Karmela u Toni Grima. Mikiel Mercieca. Ġużeppi Xerri. Valentina Sciberras. Marija, Roża u Franġisku Cefai. Marija Xerri. Salvu u Rożarja Said. Roża Butigieg. Sika Sultana. Ġovanna D'Emanuele. Ġużeppa Butigieg. Marija Grima. Ġużeppa Falzon.

*Min-naħa tagħna niżguraw lil qrabathom li l-erwieħ ta' dawn il-mejtin għeżież ikollhom dejjem sehem millquddies li jitqaddes fuq il-Qabar ta' **Kristu**.*